


Rapport Speċjali

Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditu tagħha f'dak li jirrigwarda l-politiki u l-programmi tal-UE jew suġġetti ta' ġestjoni relatati ma' oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III – immexxija minn Karel Pinxten, Membru tal-QEA – li hija responsabbli għall-awditjar tal-oqsma ta' nfiq ta' azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja. L-awditu tmexxa minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA, b'appoġġ minn Katja Mattfolk, Kap tal-kabinett; Kim Storup, Attaché tal-kabinett; Beatrix Lesiewicz, Maniġer prinċipali; Laura Gores, Kap tal-kompitu. It-tim tal-awditjar kien magħmul minn Nóirín O'Grady u Florin Alexandru Farcas.



Mix-xellug għal-lemin: Beatrix Lesiewicz, Laura Gores, Katja Mattfolk, Bettina Jakobsen, Kim Storup, Nóirín O'Grady, Florin Alexandru Farcas.

WERREJ

Paragrafu

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Sommarju eżekuttiv I - VIII

Introduzzjoni 1 - 9

Fondi fiduċjarji tal-ue: għodda ġdida għall-għajnuna għall-iżvilupp 1 - 4

Ir-repubblika ċentru-afrikana: pajjiż fi kriżi 5 - 9

Ambitu u approċċ tal-awditjar 10 - 11

Osservazzjonijiet 12 - 69

Għalkemm ibbażati fuq analiżi limitata, kemm id-deċiżjoni li jitwaqqaf il-fond fiduċjarju bēkou kif ukoll it-tfassil tiegħu, kienu adatti fiċ-ċirkustanzi 12 - 27

Il-fond fiduċjarju bēkou kien rispons rapidu għall-kuntest diffiċli tal-pajjiż 13 - 16

Il-kummissjoni ma ħejjietx analiżi strutturata formalment tal-għażla tal-istrument ta' finanzjament 17 - 20

Ma saret l-ebda analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet biex jintwera liema lakuni l-fond fiduċjarju bēkou għandu jimla 21 - 27

Il-ġestjoni tal-fond fiduċjarju bēkou għadha ma laħqitx il-potenzjal kollu tagħha 28 - 53

Il-fond fiduċjarju bēkou kellu influwenza limitata fuq il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati 29 - 35

Il-proċeduri jistgħu jkunu aktar trasparenti, aktar rapidi u aktar kosteffettivi 36 - 49

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għadhom mhumieq żviluppati għalkollox 50 - 53

B'mod ġenerali, minkejja ċ-ċirkustanzi diffiċli, il-fond fiduċjarju bēkou kien kiseb riżultati pożittivi sa żmien l-awditu 54 - 69

Il-fond fiduċjarju bēkou attira l-għajnuna, iżda ma attirax wisq donaturi addizzjonali 55 - 61

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti taw l-outputs li kienu mistennija minnhom f'kuntest diffiċli 62 - 65

Il-fond jipprovdi viżibbiltà akbar lill-ue 66 - 69

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	70 - 79
L-istabbiliment tal-fond fiduċjarju bĕkou	71 - 72
Il-ġestjoni tal-fond fiduċjarju bĕkou	73 - 76
Ir-riżultati miksuba mill-fond fiduċjarju bĕkou	77 - 79
Anness I - Lista ta' proġetti u kuntratti	
Anness II - Lista ta' seba' fondi fiduċjarji tan-NU li joperaw fir-RCA	
Anness III - Evalwazzjoni tal-ilħuq tal-oġġettivi fir-rigward tal-outputs tal-proġetti permezz ta' kowds tal-kuluri	
Risposti tal-Kummissjoni	

AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

	Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp
DĠ ECHO	Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej
FAO	Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti
FEŻ	Fond Ewropew għall-Iżvilupp
FMI	Fond Monetarju Internazzjonali
MPE	Membru tal-Parlament Ewropew
NGO	Organizzazzjoni Nongovernattiva
NU	Nazzjonijiet Uniti
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
PIN	Programm Indikattiv Nazzjonali
PRAG	Akkwist u Għotjiet għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea – Gwida Prattika
RĊA	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
SMART	speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bi skadenza
UNDP	Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti
UNICEF	Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal

SOMMARJU EŻEKUTTIV

- I. Fond fiduċjarju huwa fond li ġie stabbilit għal skop speċifiku ta' żvilupp b'kontribuzzjonijiet finanzjarji minn donatur wieħed jew aktar, li ta' spiss jitwaqqaf b'rispons għal kriżijiet bħal diżastri naturali jew kunflitti. Mill-2013 'il hawn, il-Kummissjoni Ewropea kellha l-possibbiltà li twaqqaf "fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni" biex jintużaw għal azzjonijiet ta' emerġenza, ta' wara l-emerġenza jew azzjonijiet tematiċi.
- II. Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, li huwa l-ewwel fond fiduċjarju tal-UE mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea, tnieda f'Lulju 2014. Id-donaturi tiegħu huma l-Unjoni Ewropea, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Italja u l-Iżvizzera, li pprovdew total ta' EUR 146 miljun biex jappoġġaw il-ħruġ tal-pajjiż mill-kriżi u r-rikostruzzjoni tiegħu.
- III. Għal ħafna deċennji, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana esperjenzat governanza fqira, livell għoli ta' faqar u kunflitti. Hija waħda mill-ifqar pajjiżi u minn dawk l-anqas żviluppati fid-dinja, u fl-2016 ġiet ikklassifikata fl-aħħar post fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem maħruġ mill-UNDP.
- IV. Dan l-awditu kien jikkonċerna l-ewwel esperjenza li l-Kummissjoni Ewropea kellha tal-fond fiduċjarju proprju tagħha. Aħna eżaminajna jekk l-istabbiliment tiegħu kienx iġġustifikat, jekk kienx qed jiġi mmaniġġjat tajjeb u jekk kienx laħaq l-oġġettivi tiegħu sa żmien l-awditu.
- V. Aħna nikkonkludu li għalkemm la kien hemm valutazzjoni strutturata formalment tal-għażla tal-istrument ta' finanzjament u lanqas analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet, kemm l-għażla li jitwaqqaf il-Fond fiduċjarju Bêkou, kif ukoll it-tfassil tiegħu, kienu adatti fiċ-ċirkustanzi.
- VI. Il-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou għadha ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha, fi tliet aspetti: il-Fond fiduċjarju Bêkou kellu influwenza limitata fuq il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati; il-proċeduri jistgħu jkunu aktar trasparenti, rapidi u kosteffettivi; barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għadhom mhumieħ żviluppati għalkollox.

VII. B'mod ġenerali, il-Fond fiduċjarju Bêkou kien kiseb riżultati pożittivi sa żmien l-awditu. Huwa attira l-għajnuna, iżda ma attirax wisq donaturi addizzjonali, u l-biċċa l-kbira mill-proġetti tiegħu taw l-outputs li kienu mistennija minnhom. Il-fond jipprovdi viżibbiltà akbar lill-UE.

VIII. Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex ngħinu lill-Kummissjoni ttejjeb it-tfassil u l-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou fil-futur u, b'mod aktar ġenerali, tal-fondi fiduċjarji tal-UE. Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tiżviluppa gwida ulterjuri għall-għażla tal-mezz ta' għajnuna u għall-analiżijiet tal-ħtiġijiet li tiddefinixxi l-ambiti ta' intervent tal-fondi fiduċjarji,
- ittejjeb il-koordinazzjoni mid-donaturi, il-proċeduri tal-għażla u l-kejl tal-prestazzjoni, kif ukoll tottimizza l-ispejjeż amministrattivi.

INTRODUZZJONI

Fondi fiduċjarji tal-UE: għodda ġdida għall-għajjnuna għall-iżvilupp

1. Fond fiduċjarju huwa fond li ġie stabbilit għal skop speċifiku ta' żvilupp, b'kontribuzzjonijiet finanzjarji minn donatur wieħed jew aktar u li ġeneralment jiġi amministrat minn organizzazzjoni internazzjonali b'ħall-Bank Dinji jew in-Nazzjonijiet Uniti. Il-fondi fiduċjarji ilhom li saru popolari mis-snin 90, u qed jintużaw dejjem aktar b'ħala strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-fondi spiss jitwaqqfu b'rispons għal kriżijiet b'ħal diżastri naturali jew kunflitti.
2. Mill-2013 'il hawn, kien hemm il-possibbiltà li jitwaqqfu "fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni" biex jintużaw għal azzjonijiet ta' emerġenza, ta' wara l-emerġenza jew azzjonijiet tematiċi, permezz ta' ftehim li ġie konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u donaturi oħra¹. Għal kull fond fiduċjarju jiġi stabbilit bord ippresedut mill-Kummissjoni biex jipprovdi rappreżentanza kemm għad-donaturi, kif ukoll għall-Istati Membri nonkontributuri u biex jiddeċiedi kif il-fondi għandhom jintużaw.
3. Il-Fond fiduċjarju Bêkou² tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) tnieda f'Lulju 2014 biex jappoġġa l-ħruġ tal-pajjiż mill-kriżi u r-rikostruzzjoni tiegħu. Huwa l-ewwel minn erba' fondi fiduċjarji li sa issa huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea³. L-erba' donaturi inizjali kienu l-Unjoni Ewropea (UE), Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, filwaqt li l-Italja u l-Iżvizzera saru sħab fl-2015. Sa tmiem l-2016, l-impenji li saru għall-Fond fiduċjarju Bêkou ammontaw għal total ta' EUR 146 miljun, li madwar tliet kwarti minnhom joriġinaw

¹ L-Artikolu 187 tar-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1)) jipprovdi l-qafas legali għat-twaqqif ta' fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni.

² Bêkou tfisser "tama" fil-lingwa Sango.

³ Il-fondi l-oħra huma: (a) il-Fond fiduċjarju Madad li ġie stabbilit f'Diċembru 2014 b'rispons għall-kriżi Sirjana; (b) il-Fond fiduċjarju ta' emerġenza għall-migrazzjoni fl-Afrika li tnieda fl-2015; u (c) il-Fond fiduċjarju għall-Kolombja li ġie stabbilit fl-2016 biex jappoġġa l-proċess ta' wara l-kunflitti.

mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Minn dan l-ammont, EUR 86 miljun kienu ġew riċevuti sa tmiem l-2016.

4. L-oġġettiv prinċipali tiegħu, kif stipulat fil-Ftehim Kostituttiv, huwa li jipprovdi għajnuna mmirata u konsistenti għar-reżiljenza ta' gruppi vulnerabbli u appoġġ għall-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi, u tar-rikostruzzjoni tagħha, li jikkoordina l-azzjonijiet matul it-terminu qasir, it-terminu medju u t-terminu twil u li jgħin lill-pajjiżi ġirien jaffrontaw il-konsegwenzi tal-kriżi⁴.

Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana: pajjiż fi kriżi

5. Ir-RĊA hija waħda mill-ifqar pajjiżi u u minn daww l-anqas żviluppati fid-dinja, u fl-2016 ġiet ikklassifikata fl-aħħar post fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem maħruġ mill-UNDP. Dan minkejja li għandha depożiti minerali sinifikanti kif ukoll riżorsi oħra, bħal riżervi tal-uranju, żejt grezz, deheb, djamanti, kobalt, injam u enerġija idroelettrika. Il-popolazzjoni tagħha ta' 4.5 miljun persuna hija mifruxa fuq territorju vast ta' 623 000 km² (bejn wieħed u ieħor id-daqs ta' Franza u tal-Belġju flimkien). Minn meta kisbet l-indipendenza fl-1960, ir-RĊA esperjenzat kunflitti, governanza fqira, livell għoli ta' faqar u inugwaljanza, kif ukoll nuqqas ta' investiment mis-settur privat. Is-sitwazzjoni li l-biċċa l-kbira mill-poplu tar-RĊA qed jiffaċċja issa hija waħda prekarja, b'aktar minn nofs il-popolazzjoni fi ħtieġa ta' għajnuna umanitarja. Madwar 450 000 persuna huma spostati f'pajjiżhom u għadd simili ta' persuni ħarbu lejn pajjiżi ġirien.

6. Wara li seħħ ċiklu ta' vjolenza li waqqa' l-gvern preċedenti, ġie stabbilit gvern ta' tranżizzjoni mill-2014 sal-bidu tal-2016. F'Marzu 2016, inħatru President u gvern ġdid wara li saru elezzjonijiet demokratiċi. F'Ottubru 2016, l-awtoritajiet tar-RĊA u d-donaturi ppubblikaw Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi li jkopri ħames snin.

⁴ Ftehim li jstabbilixxi l-fond fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE", l-Artikolu 2 – Oġġettivi tal-fond fiduċjarju.

7. Sal-2014, ir-RĊA kienet meqjusa bħala “orfni tal-għajnuna”⁵, minħabba l-appoġġ limitat li kienet tirċievi mill-komunità internazzjonali tad-donaturi. Imbagħad, l-għajnuna lill-pajjiż żdiedet b’mod sinifikanti. Madankollu, minħabba li l-kunflitti għadhom għaddejnin, il-popolazzjoni għadha fi ħtieġa kbira ħafna ta’ għajnuna umanitarja⁶.
8. L-UE ilha sieħba tar-RĊA għal aktar minn 30 sena u għadha waħda mis-sħab prinċipali tal-pajjiż fil-qasam tal-iżvilupp. Bejn l-2013 u l-2016, l-UE kkontribwiet aktar minn EUR 500 miljun biex tassisti lill-pajjiż⁷. L-UE adottat “approċċ komprensiv”⁸, li jinkludi l-għoti ta’ assistenza permezz tal-Fond fiduċjarju Bêkou, għajnuna tradizzjonali għall-iżvilupp, tliet missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni, rispons għall-kriżijiet ċivili u għajnuna umanitarja.
9. L-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u Franza huma wkoll involuti b’mod sinifikanti fir-RĊA. L-**Anness II** jelenka seba’ fondi fiduċjarji tan-NU li joperaw fir-RĊA. Varjetà ta’ sħab oħra, bħall-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, il-Bank Dinji u pajjiżi oħra tal-UE, jagħtu wkoll għajnuna lill-pajjiż.

⁵ Il-fornituri tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiddeċiedu individwalment liema pajjiżi se jassistu u sa liema punt sa jagħtuhom assistenza. Dan jista’ jirriżulta fi żbilanċi li jistgħu jfixxlu l-effettività tal-għajnuna permezz ta’ frammentazzjoni tal-għajnuna kif ukoll akkumulazzjoni ta’ fornituri f’xi pajjiżi – hekk imsejġha “preferuti” – u lakuni fl-għoti tal-għajnuna f’oħrajn – komunement magħrufa bħala “orfni” (<http://www.oecd.org/dac/aid-architecture/fragmentation-orphans.htm>)

⁶ L-uffiċċju umanitarju tan-NU rrapporta li sa Marzu 2017 kienu waslu biss 5 % tal-USD 400 miljun f’għajnuna umanitarja meħtieġa għar-RĊA, li wassal biex jiġu ddistribwiti nofs ir-razzjonijiet.

⁷ Skeda Informattiva tal-Kummissjoni Ewropea: “The European Union’s comprehensive approach in the Central African Republic (2013–2016)” (L-approċċ komprensiv tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (2013–2016)), Brussell, 11.11.2016.

⁸ It-Trattat ta’ Lisbona jitlob li jkun hemm koerenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-UE u l-politiki l-oħra tagħha. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat u l-kuntest istituzzjonali ġdid li ħoloq, l-UE – billi tuża l-firxa sħiħa ta’ strumenti u riżorsi tagħha – żiedet kemm il-potenzjal tagħha kif ukoll l-ambizzjoni tagħha sabiex l-azzjoni esterna tagħha tkun aktar konsistenti, effettiva u strateġika (JOIN(2013) 30 final tal-11.12.2013 “L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni”).

AMBITU U APPROĊ TAL-AWDITJAR

10. Dan l-awditu tal-prestazzjoni eżamina l-ewwel esperjenza li l-Kummissjoni Ewropea kellha fl-użu tal-fond fiduċjarju proprju tagħha bħala mezz ta' għajjuna. Aħna eżaminajna jekk l-istabbiliment tal-fond kienx iġġustifikat, jekk kienx qed jiġi mmaniġġjat tajjeb u jekk kienx laħaq l-oġġettivi tiegħu sa żmien l-awditu.

11. L-awditu ffoka fuq il-fond mill-bidu tiegħu fl-2014 sa tmiem l-2016. Aħna eżaminajna l-11-il proġett kollha tiegħu u l-31 kuntratt rispettivi tagħhom li ġew iffinanzjati (ara l-**Anness I**). Aħna analizzajna diversi dokumenti dwar l-istabbiliment tal-fond u t-tfassil tal-proġetti, il-proċeduri għall-għażla tal-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti (rapporti intermedji u rapporti ta' evalwazzjoni esterna). Aħna wettaqna wkoll żjarat fuq il-post fir-RĊA u fil-kwartieri ġenerali ta' tlieta mid-donaturi għall-fond. B'hekk stajna nwettqu intervisti ma' diversi partijiet interessati u nżuru tliet proġetti.

OSSERVAZZJONIJIET

Għalkemm ibbażati fuq analiżi limitata, kemm id-deċiżjoni li jitwaqqaf il-Fond fiduċjarju Bêkou kif ukoll it-tfassil tiegħu, kienu adatti fiċ-ċirkustanzi

12. Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-kuntest tal-pajjiż fiż-żmien meta nħoloq il-Fond fiduċjarju Bêkou, u mbagħad tanalizza t-tfassil tal-fond minn żewġ perspettivi: l-għażla ta' fond fiduċjarju bħala l-istrument ta' finanzjament u l-ambitu ta' intervent tal-Fond fiduċjarju Bêkou.

Il-Fond fiduċjarju Bêkou kien rispons rapidu għall-kuntest diffiċli tal-pajjiż

13. Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana fl-2014 kienet ikkaratterizzata mill-konsegwenzi ta' kriżi kbira tal-politika u tas-sigurtà li eskalat fl-2012. Dan ikkawża kriżi umanitarja u reċessjoni ekonomika, it-tnejn li huma f'livelli mingħajr preċedent. F'Diċembru 2013, in-Nazzjonijiet Uniti ddikjarat li l-pajjiż kien jinsab fl-hekk imsejja kriżi ta'

emerġenza tat-tielet livell⁹. Is-sitwazzjoni kienet ikkaratterizzata minn “*contiguum*”¹⁰ ta’ problemi fuq il-livell umanitarju u ta’ żvilupp, kif ukoll mill-fraġilità tal-awtoritajiet tal-istat u li ma kinux kapaċi jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni.



Tifel miexi ħdejn ajruplan abbandunat f’dak li kien il-kamp ta’ M’Poko għal persuni spostati f’pajjiżhom, u li jinsab ħdejn l-ajruport ta’ Bangui.

© L-Assoċjazzjoni tas-Salib l-Aħmar fi Franza.

⁹ Din hija l-klassifikazzjoni tas-sistema globali ta’ għajjnuna umanitarja fir-rigward tar-rispons għall-kriżijiet umanitarji fuq skala kbira li jkunu l-aktar gravi.

¹⁰ Inizjalment, l-għajjnuna kienet ippjanata li sseħħ f’sekwenza lineari jew “*continuum*”: ir-riabilitazzjoni ssegwi l-fażi ta’ assistenza inizjali, li sussegwentement tiġi segwita minn kooperazzjoni klassika għall-iżvilupp. Madankollu, l-esperjenza mis-snin 90 uriet li meta l-assistenza inizjali, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp jiġu ttrattati separatament, il-proċessi konsekuttivi ma jirnexxilhomx jirrispondu għall-komplessità ta’ ħafna sitwazzjonijiet ta’ kriżi. Meta dawn, minflok, jiġu ttrattati bħala “*contiguum*” (jiġifieri bħala proċessi interkonnessi konkorrenti) ikun rikonoxxut li dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu fil-fatt jirrikjedu l-użu simultanju ta’ strumenti differenti (ara t-tgħarrif ta’ politika tal-Parlament Ewropew “Linking relief, rehabilitation and development: Towards more effective aid” (Kollegament bejn l-assistenza inizjali, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp: Lejn għajjnuna aktar effettiva), pp. 4-5).

14. Dan il-kuntest ikkawża wkoll restrizzjonijiet sinifikanti fit-twassil ta' għajnuna mill-UE: in-nuqqas ta' gvern elett demokratikament f'dak iż-żmien kien ifisser li l-Kummissjoni ma setgħetx tadotta programm indikattiv nazzjonali (PIN)¹¹ għall-għajnuna pprovduta fl-allokazzjoni nazzjonali tar-RĊA għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

15. Għalhekk, il-ħolqien tal-Fond fiduċjarju Bêkou għar-RĊA kien rispons rapidu għall-ħtieġa għal strument ikkoordinat biex jikkollega l-assistenza inizjali, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp. Il-prinċipji ġustifikattivi għall-għażla ta' strument ta' għajnuna, bħal dan, ġew diskussi kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, ma' firxa wiesgħa ta' donaturi kif ukoll mal-gvern ta' tranżizzjoni tar-RĊA matul l-ewwel nofs tal-2014. Dawn id-diskussjonijiet wasslu għal kunsens, b'mod partikolari, dwar il-ħtieġa ta' mezzi differenti għat-twassil tal-għajnuna, għall-integrazzjoni tal-approċċi umanitarji u ta' żvilupp, u għal bidla lil hinn mill-koordinazzjoni tal-għajnuna u lejn l-aggregazzjoni tar-riżorsi. Din l-analiżi komuni ffurmat il-bażi għall-ħolqien tal-Fond fiduċjarju Bêkou.

16. Il-fond inħoloq f'perjodu ta' żmien qasir ħafna, bid-diskussjonijiet inizjali li nbdew fil-bidu tal-2014 u l-iffirmar tal-Ftehim Kostitutiv tiegħut mill-Kummissjoni, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands li seħħ f'Lulju 2014.

Il-Kummissjoni ma ħejjietx analiżi strutturata formalment tal-għażla tal-istrument ta' finanzjament

17. Ir-Regolament Finanzjarju jistipula għadd ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati sabiex jiġi stabbilit fond fiduċjarju tal-UE: (i) *valur miżjud għall-intervent tal-Unjoni*, jiġifieri l-oġettivi tal-fond fiduċjarju jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE milli f'dak nazzjonali; (ii) *viżibbiltà politika* u *vantaġġi maniġerjali*, (iii) il-fondi fiduċjarji ma għandhomx jinħolqu jekk sempliċiment jidduplikaw mezzi oħra eżistenti ta' finanzjament jew strumenti simili mingħajr ma jipprovdu *addizzjonalità*.

¹¹ Il-programmi indikattivi nazzjonali jirrappreżentaw pass importanti fil-programmazzjoni tal-għajnuna mill-UE taħt il-FEŻ. Huma jiddefinixxu l-istrateġija u l-prijoritajiet għall-għajnuna mill-UE u jitħejjew f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiż sieħeb. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE jkollha gvern nazzjonali bħala l-kontroparti tagħha sabiex tadotta PIN. F'dak iż-żmien, ir-RĊA kellha gvern ta' tranżizzjoni li ma kienx ġie leġittimizzat permezz ta' elezzjoni demokratika.

18. L-impenji tal-UE li saru fil-Forums ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (ara l-**Kaxxa 1**) u li jinsabu fil-linji gwida tad-DĠ DEVCO dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE jindikaw li l-fondi fiduċjarji ma għandhomx isiru għodda standard ta' implimentazzjoni.

Kaxxa 1 - Il-Forums ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna jirrikjedu awtodixxiplina fir-rigward tal-ħolqien ta' mezzi ġodda ta' għajnuna

L-isforz kontinwu biex jiġi mmodernizzat it-twassil tal-għajnuna kien ikkaratterizzat minn erba' avvenimenti: il-Forums ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li saru f'Ruma (2003), f'Pariġi (2005), f'Akkra (2008) u f'Busan (2011). Dawn l-avvenimenti, li sa issa jinvolvu aktar minn 100 pajjiż, wasslu għall-formulazzjoni ta' prinċipji għal għajnuna effettiva.

Impenn partikolari li sar wara l-forum tal-2008 f'Akkra kien li d-donaturi jiżguraw li l-mezzi eżistenti għat-twassil ta' għajnuna jintużaw u, jekk meħtieġ, jissaħħew qabel ma jinħolqu mezzi ġodda separati li jkollhom ir-riskju li jikkawżaw frammentazzjoni ulterjuri u jikkomplikaw il-koordinazzjoni fil-livell tal-pajjiżi¹². B'segwitu għal diskussjonijiet madwar mejda, id-donaturi ġew mistiedna biex "jaħsbuha darbtejn" qabel ma jistabbilixxu fondi ġodda, u biex japplikaw test ċar għall-valur miżjud¹³. Fil-forum tal-2011 li sar f'Busan, l-UE kkonfermat mill-ġdid l-impenn li kien sar f'Akkra għal awtodixxiplina biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ulterjuri ta' fondi¹⁴.

19. Kemm in-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll il-Bank Dinji stabbilew proċeduri għall-ġustifikazzjoni tal-għażla ta' fond fiduċjarju bħala mezz ta' għajnuna. Pereżempju, l-Uffiċċju tal-Fond Fiduċjarju b'Ħafna Šhab, tan-NU, li jassisti lin-NU fl-amministrazzjoni ta' mekkaniżmi aggregati ta' finanzjament, ippubblika manwali li jipprovdu gwida dwar it-twaqqif ta' fondi fiduċjarji. Huma jirrakkomandaw li jitwettaq studju ta' prefattibbiltà u li jiġu analizzati l-funzjonijiet u l-valur miżjud ta' fond bħal dan¹⁵.

¹² Il-punt 19 tal-Accra Aġenda for Action (Aġenda ta' Akkra għall-Azzjoni), it-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, 2008.

¹³ Roundtable 9, Aid architecture, Summary (Diskussjoni Nru 9 madwar mejda, Arkitektura tal-għajnuna, Sommarju), it-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, 2008, p. 7.

¹⁴ EU Common Position for the Fourth High Level Forum on Aid Effectiveness (Pożizzjoni Komuni tal-UE għar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna), 2011, il-punt 28, p. 6.

¹⁵ Il-manwal jelenka sitt funzjonijiet possibbli bil-valur miżjud korrispondenti tagħhom: koerenza (mili ta' lakuni), konsolidament (tnaqqis ta' frammentazzjoni), speġjalizzat jew tematiku, ġestjoni

20. Attwalment, il-Kummissjoni tenniet biss ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju fil-linji gwida li huma disponibbli. Hija għadha ma żviluppatx mod kif dawn għandhom jiġu applikati sabiex tkun tista' titwettaq malajr valutazzjoni strutturata tal-vantaġġi kumparattivi ta' fondi fiduċjarji meta mqabbla ma' għodod oħrajn. Filwaqt li l-Kummissjoni fil-fatt organizzat serje ta' diskussjonijiet (ara l-paragrafu 15), ma saret l-ebda analiżi strutturata formalment, u bbażata fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, qabel ma twaqqaf il-Fond fiduċjarju Bêkou.

Ma saret l-ebda analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet biex jintwera liema lakuni l-Fond fiduċjarju Bêkou għandu jimla

21. L-analiżijiet tal-ħtiġijiet huma pass importanti fit-tfassil tal-ambitu ta' intervent tal-għajnuna għall-iżvilupp, peress li dawn jgħinu biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet u biex l-għajnuna tiġi pprijoritizzata. Huma jgħinu wkoll biex jiġi żgurat li strument ġdid ta' finanzjament ma jiddupplikax strumenti eżistenti, u jistgħu jservu bħala bażi għat-tfassil ta' għajnuna li twassal għal diviżjoni tax-xogħol ma' donaturi oħra.

22. Filwaqt li diversi dokumenti interni tal-Kummissjoni li tnejn qabel it-twaqqif tal-Fond fiduċjarju Bêkou rrikonoxxew il-fatt li r-RĊA kienet teħtieġ assistenza, l-analiżi tal-ħtiġijiet ma kinitx kompleta. Dan għaliex ma kellhiex l-elementi li ġejjin: valutazzjoni tal-ħtiġijiet kumplessivi tar-RĊA, rendikont tal-ħtiġijiet indirizzati minn strumenti eżistenti għall-għajnuna u, għaldaqstant, analiżi tal-lakuni fit-twassil ta' għajnuna li għandhom jiġu koperti, valutazzjoni tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa u pprijoritizzazzjoni tal-għajnuna.

23. L-oġġettiv prinċipali tal-Fond fiduċjarju Bêkou, kif stipulat fil-Ftehim Kostitutiv, huwa li jipprovdi għajnuna mmirata u konsistenti għar-reżiljenza ta' gruppi vulnerabbli u appoġġ għall-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi, u tar-rikostruzzjoni tagħha, li jikkoordina l-azzjonijiet matul it-terminu qasir, it-terminu medju u t-terminu twil u li jgħin lill-pajjiżi ġirien jaffrontaw il-konsegwenzi tal-kriżi¹⁶. Għalhekk, dan l-oġġettiv huwa

tar-riskju, tisħiħ tas-sistemi nazzjonali, u innovazzjoni. (L-MPTFO: Designing pooled funds for performance (Tfassil ta' fondi aggregati għall-prestazzjoni), Manwal imħejji mill-MPTFO, 2015; ara b'mod partikolari t-Tabella 2, p. vii, u t-Tabella 3, p. 6.)

¹⁶ Ftehim li jistabbilixxi l-fond fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE", l-Artikolu 2 – Oġġettivi tal-fond fiduċjarju.

fformulat f'termini wesgħin. Analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet setgħet serviet bħala bażi għall-formulazzjoni ta' objettivi f'aktar dettall (ara wkoll il-paragrafu 50). Barra minn hekk, din setgħet uriet b'mod aktar ċar kif u għalfejn l-attivitajiet tal-fond huma rilevanti għall-objettivi, u liema huma l-lakuni speċifiċi li l-fond jimla.

24. Fil-livell strateġiku, il-Kummissjoni żgurat li l-Fond fiduċjarju Bêkou ma jiddupplikax mezzi oħra eżistenti ta' finanzjament. Mill-2014 sal-2016, l-allokazzjoni nazzjonali tal-FEŻ għar-RĊA ffinanzjat għadd limitat ta' attivitajiet, li kienu jikkonċentraw fuq oqsma li mhumie x dawk koperti mill-Fond fiduċjarju Bêkou, bħall-edukazzjoni jew il-politiki nazzjonali tas-saħħa¹⁷. Għalkemm mill-inqas seba' fondi fiduċjarji tan-NU joperaw fir-RĊA, sitta għandhom ambitu tematiku li jidher ċar li huwa differenti mill-Fond fiduċjarju Bêkou. L-unika eċċezzjoni hija l-Fond fiduċjarju b'ħafna sħab Ezingo tan-NU, li jiffoka wkoll fuq l-istabbilizzazzjoni u l-irkupru tar-RĊA. Madankollu, dan il-fond huma ferm differenti mill-Fond fiduċjarju Bêkou f'termini tal-volum ta' għajjnuna / il-livell ta' attività tiegħu, it-tip ta' proġetti ffinanzjati u r-riċevituri tal-għajjnuna tiegħu¹⁸.

25. Fil-livell tal-proġetti, il-Fond fiduċjarju Bêkou kien jindirizza ħtiġijiet simili għal dawk indirizzati minn appoġġ li ngħata qabel mill-UE. Fil-fatt, ċerti proġetti jipprovdu kontinwità ma' proġetti li qabel kienu ffinanzjati minn strumenti oħra ta' għajjnuna tal-UE (ara l-**Kaxxa 2**). Madankollu, huma introduċew approċċ differenti u attivitajiet addizzjonali ta' tisħiħ tar-reżiljenza. Xi wħud mill-proġetti l-oħra huma innovattivi u differenti mit-tipi ta' proġetti li qabel qew iffinanzjati fir-RĊA. Eżempju ta' dan huwa l-proġett tal-irkupru ekonomiku, li jipprovdi mikrofinanzjament lil negozji lokali żgħar.

¹⁷ B'differenza mill-proġetti tal-Fond fiduċjarju Bêkou, li prinċipalment ipprovduw assistenza fil-livell ta' faċilitajiet individwali tas-saħħa. Il-politiki nazzjonali tas-saħħa jiġu ddeterminati fil-livell tal-Ministeru tas-Saħħa.

¹⁸ Il-Fond fiduċjarju Ezingo tan-NU jimmaniġġja USD 25 miljun. Huwa jagħti għajjnuna kemm lill-aġenziji tan-NU kif ukoll lill-awtoritajiet tal-istat fil-forma ta' appoġġ baġitarju.

Kaxxa 2 - Eżempji ta' proġetti tal-Fond fiduċjarju Bêkou li jindirizzaw ħtiġijiet simili għal proġetti ffinanzjati wkoll minn għajnuna mill-UE

Xi wħud mill-proġetti tal-Fond fiduċjarju Bêkou ħadu taħthom attivitajiet appoġġati minn strumenti oħra ta' għajnuna tal-UE. Xi eżempji huma elenkati hawn taħt:

- (a) Żewġ proġetti tad-DĠ ECHO li saru mal-NGOs fis-settur tas-saħħa, ġew sostitwiti minn proġetti tal-Fond fiduċjarju Bêkou li saru mal-istess NGOs. Dawn iż-żewġ NGOs taw appoġġ lil 25 ċentru lokali tas-saħħa biex jgħinuhom jagħtu servizzi primarji tas-saħħa aħjar. Id-DĠ ECHO, l-UNICEF u l-Fond Umanitarju tan-NU taw ukoll għajnuna lil waħda minn dawn l-NGOs għal attivitajiet fis-settur tas-saħħa.
- (b) Fl-2014, l-istrument tal-UE li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi ffinanzja xogħol li kien jirrikjedi ħafna ħaddiema (*travaux à haute intensité de main d'oeuvre*) fit-tielet u fil-ħames distrett ta' Bangui, b'mod simili għall-proġett ta' riabilitazzjoni urbana tal-Fond fiduċjarju Bêkou. Dan l-approċċ jinvolvi r-reklutaġġ ta' nies tal-post biex iwettqu attivitajiet bażiċi ta' riabilitazzjoni urbana. L-għan huwa li l-infrastruttura terġa' tiġi stabbilita, filwaqt li fl-istess ħin jiġi ġġenerat dħul għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.
- (c) Proġett dwar is-sigurtà alimentari tnieda taħt l-10 FEŻ fl-2014, iżda sussegwentement ġie kkanċellat. L-għan tiegħu kien li jffinanzja lill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti biex topera programmi ta' tisħiħ tar-reżiljenza (*caisses de resilience*) tal-komunità, tippromwovi djalogu interkomunitarju f'rotot ta' merġat nomadiċi u tippromwovi s-sigurtà alimentari fiż-żoni ta' madwar Bangui, b'mod simili għall-proġett dwar is-sigurtà alimentari tal-Fond fiduċjarju Bêkou. Ħames kuntratti li ilhom li ilhom li ġew iffirmati mill-2014 ma' din l-organizzazzjoni u mal-NGOs taħt l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE, kienu jirrigwardaw attivitajiet simili (appoġġ għal daww li jkabbru l-ifrat, djalogu interkomunitarju, reżiljenza alimentari).
- (d) Proġett partikolari tal-Fond fiduċjarju Bêkou kellu l-għan li jipproteġi l-ekosistemi tal-annimali fil-Grigal u fix-Xlokk tar-RĊA. Dan kien ġie ppreċedut minn proġett taħt l-10 FEŻ li kien wettaq attivitajiet simili fil-Grigal tal-pajjiż.

26. Il-komunità tad-donaturi u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw iddeskrivew is-sħubija bejn id-donaturi bħala importanti fil-kuntesti tal-fraġilità u tal-kriżi¹⁹. Qabel il-pubblikazzjoni tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi f'Ottubru 2016, ma kienx hemm qafas strateġiku komuni fost id-donaturi tar-RĊA. Inizjattivi li għadhom għaddejjin fuq il-bażi ta' dan il-pjan nazzjonali ta' rkupru jistgħu jwasslu għad-definizzjoni ta' diviżjoni tax-xogħol aktar ċara matul l-2017 (ara l-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3 - Il-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi għall-2017-2021: bażi għal diviżjoni tax-xogħol fil-futur

Strateġija nazzjonali ġdida għar-RĊA, l-hekk imsejjaħ Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi għall-2017-2021, tfasslet mill-gvern tar-RĊA b'appoġġ mill-UE, min-Nazzjonijiet Uniti, mill-Grupp tal-Bank Dinji, u ġiet ippublikata f'Ottubru 2016. Din tipproponi tliet pilastri prijoritarji: (i) il-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà, u r-rikonċiljazzjoni; (ii) it-tiġdid tal-kuntratt soċjali bejn l-istat u l-popolazzjoni; (iii) l-iffaċilitar tal-irkupru tal-ekonomija u tas-settur produttiv²⁰. Il-pjan huwa ripartit fi 11-il objettiv strateġiku, bi ħtiġijiet totali stmati li jammontaw USD 3.2 biljun²¹.

27. Potenzjalment, il-Fond fiduċjarju Bêkou se jiffinanzja azzjonijiet fit-tliet pilastri kollha tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi. Kif diġà ġie ddikjarat fil-paragrafu 14, meta nħoloq il-fond, l-għajjnuna mill-FEŻ kienet imxekkla min-nuqqas ta' programm indikattiv nazzjonali (PIN) għar-RĊA. Id-DĠ DEVCO jinsab fil-proċess li jfassal PIN taħt il-11-il FEŻ. L-ammont totali huwa ta' EUR 382 miljun, fejn EUR 208 miljun huma fondi ġodda. Il-PIN jista' jinkludi wkoll interventi taħt it-tliet pilastri kollha. Porzjoni mill-fondi tal-PIN se jiġi ttrasferit għall-Fond fiduċjarju Bêkou. B'kollox, 31 donatur għar-RĊA biħsiebhom jiffinanzjaw mill-

¹⁹ Ara b'mod partikolari l-Principles for Good International Engagement in Fragile States and Situations (Prinċipji għal Involvement Internazzjonali Tajjeb fi Stati u f'Sitwazzjonijiet Fraġili) tal-OECD, li ġew approvati mill-ministri u mil-kapijiet tal-aġenziji fil-Forum ta' Livell Għoli tal-Kumitat ta' Għajjnuna għall-Iżvilupp tal-2007, li jiddikjaraw li huwa importanti li jkun hemm qbil dwar il-mekkaniżmi prattiċi ta' koordinazzjoni bejn l-atturi internazzjonali, anke jekk ma jkunx hemm tmexxija b'saħħitha tal-gvern.

²⁰ Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana: Il-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi għall-2017-2021 (RCPA), li nkiteb mill-persunal tar-RĊA, b'appoġġ mill-UE, min-Nazzjonijiet Uniti, u mill-Grupp tal-Bank Dinji,, p 26-41.

²¹ Ibid, it-Tabella 0.1, l-Anness 2.

inqas pilastru wieħed tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi. Sa Marzu 2017, id-diviżjoni tax-xogħol bejn il-Fond fiduċjarju Bêkou, strumenti oħra tal-UE u donaturi oħra għall-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ma kinitx ġiet iddeterminata fid-dettall.

Il-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou għadha ma laħqitx il-potenzjal kollu tagħha

28. Aħna eżaminajna l-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou minn tliet perspettivi: il-koordinazzjoni ma' donaturi oħra u mal-awtoritajiet tar-RĊA; it-trasparenza u l-veloċità tal-proċeduri tiegħu u l-kosteffettività tat-twassil tal-għajnuna; u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tiegħu.

Il-Fond fiduċjarju Bêkou kellu influwenza limitata fuq il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati

29. L-esperjenza wriet li, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' wara l-emerġenza, ir-rispons tal-komunità internazzjonali jista' jsir diżorganizzat u frammentat min-ħabba d-dgħufija tal-amministrazzjonijiet lokali flimkien ma' żieda f'daqqa fl-għadd ta' donaturi. Dan ma jippermettix li jingħata kontribut effettiv u sostenibbli għar-rikostruzzjoni ta' pajjiż. Il-fondi fiduċjarji tal-UE tfasslu speċifikament għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Fond fiduċjarju jista' jipprovdri soluzzjoni xierqa, peress li huwa mistenni li jaġixxi kollettivament f'isem l-UE u d-donaturi tiegħu²².

30. Min-ħabba l-multipliċità ta' donaturi u operatori fir-RĊA, il-koordinazzjoni hija importanti. Il-fondi fiduċjarji jistgħu jkunu wkoll pjattaforma utli għat-titjib tal-koordinazzjoni ma' proġetti ffinanzjati indipendentement mill-fond. Dan japplika prinċipalment għall-koordinazzjoni fost id-donaturi tal-fond iżda potenzjalment jista' japplika wkoll għall-koordinazzjoni fuq skala usa' ma' donaturi oħra. Il-Fond fiduċjarju Bêkou kien mistenni li jkun mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jippermetti lill-komunità internazzjonali tikkontribwixxi b'mod ikkoordinat għall-istabbilizzazzjoni tar-RĊA²³. Fil-każ tal-Fond fiduċjarju Bêkou, l-intenzjoni kienet li dan imur lil hinn mill-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u li jistabbilixxi

²² Ftehim Kostituttiv, il-Premessi 4-6.

²³ Ftehim Kostituttiv, il-Premessi 3, 5.

organizzazzjoni konġunta reali²⁴, b'ideat bħall-aggregazzjoni kemm ta' riżorsi kif ukoll tal-kapaċità ta' analiżi, identifikazzjoni u implimentazzjoni ta' proġetti, missjonijiet konġunti, unità speċifika b'persunal li jikkoordina donaturi u li jikkollega ma' sħab, jew gruppi ta' ħidma tematiċi komuni.

31. Ftit li xejn hemm evidenza li l-ħolqien tal-Fond fiduċjarju Bêkou għen biex jikkonsolida l-attività tad-donaturi fir-RĊA skont il-modalitajiet deskritti fil-paragrafu 29, la immedjatament wara li nħoloq u lanqas fil-frattemp (ara l-**Kaxxa 4**). Mill-2014 'il hawn, l-attività tad-donaturi barra mill-fond baqgħet f'livell simili jew saħansitra żdiedet f'xi każijiet (ara wkoll il-paragrafi 55 sa 61 għall-involvement ta' donaturi oħra). Il-ġestjoni tal-fond identifikat il-frammentazzjoni tal-istrumenti ta' għajjnuna u tal-atturi fir-RĊA bħala sfida kbira.

Kaxxa 4 - Xi donaturi żiedu l-attività tagħhom barra mill-fond mill-2014 'il hawn

Il-Ġermanja qed iżżid l-attività bilaterali tagħha fir-RĊA. Fl-2016, il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp għażel ir-RĊA bħala wieħed mill-pajjiżi sħab bilaterali tiegħu. Il-bank Ġermaniż tal-iżvilupp *Kreditanstalt für Wiederaufbau* reċentement beda proġett fis-settur tas-saħħa b'valur ta' EUR 11-il miljun.

F'Ottubru 2016, l-Italja fetħet l-uffiċċju proprju tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'Bangui.

Id-DĠ DEVCO se jerġa' jibda l-għoti tal-għajjnuna mill-FEŻ fuq il-bażi ta' PIN.

Minbarra d-donaturi tal-Fond fiduċjarju Bêkou, il-Bank Dinji qed jippjana wkoll li jwaqqaf il-fond fiduċjarju proprju tiegħu għar-RĊA.

32. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-għajjnuna għall-iżvilupp fir-RĊA ma kinux qed jiffunzjonaw sa tmiem l-2016. Ir-raggruppamenti umanitarji, immexxija minn organizzazzjonijiet tan-NU u minn NGOs internazzjonali, huma ddedikati għall-għajjnuna umanitarja. Fl-2014, il-gvern ta' tranżizzjoni tar-RĊA kien ħoloq strutturi rilevanti ta' koordinazzjoni għall-għajjnuna għall-iżvilupp, iżda dawn qatt ma bdew joperaw. L-awtoritajiet tar-RĊA u l-komunità tad-donaturi jinsabu fil-proċess li jwaqqfu qafas istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-għajjnuna għall-iżvilupp taħt il-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-

²⁴ http://ec.europa.eu/europeaid/bekou-trust-fund-introduction_en

Paċi, li ġie adottat f'Ottubru 2016²⁵. Dan il-qafas se jkun jinkludi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-għajnuna li jassenja rwol deċiżjonali lill-Fond fiduċjarju Ezingo tan-NU u lil fond fiduċjarju tal-Bank Dinji li jista' jinholq fil-futur, kif ukoll rwol konsultattiv biss lill-Fond fiduċjarju Bêkou.

33. Il-Fond fiduċjarju Bêkou ma għandux proċeduri ddefiniti biex jiżgura l-koordinazzjoni sistematika tal-proġetti tiegħu ma' dawk ta' donaturi oħra għall-fond. Il-fond ħoloq mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fil-forma tal-istrutturi ta' governanza proprji tiegħu (il-bord tal-fond fiduċjarju u l-kumitat operazzjonali). Minkejja li wieħed mir-rwoli tal-kumitat huwa li jadotta l-proġetti, huwa ma ffaċilitax id-diskussjonijiet li saru dwar il-koordinazzjoni ma' proġetti oħra ffinanzjati mid-donaturi għall-Fond fiduċjarju Bêkou. Id-dokumenti ta' programmazzjoni ma jitħejjewx sistematikament b'kont meħud tal-istampa sħiħa tal-proġetti l-oħra fl-istess qasam.

34. Anke mingħajr mekkaniżmi formali, ir-rappreżentant tal-Fond fiduċjarju Bêkou f'Bangui rnexxielu, permezz ta' prattika tajba, jiżgura xi livell ta' koordinazzjoni fuq il-bażi ta' proġetti individwali (ara l-**Kaxxa 5**). Madankollu, hemm lok biex il-Fond fiduċjarju Bêkou jipprovdi koordinazzjoni aktar sistematika, kemm internament fost id-donaturi tiegħu kif ukoll, potenzjalment, esternament fi ħdan il-komunità internazzjonali.

Kaxxa 5 - Tliet eżempji ta' prattika tajba li juru l-koordinazzjoni ta' proġetti mid-donaturi

Inħolqu sinerġiji bejn il-proġett tal-Fond fiduċjarju Bêkou dwar l-irkupru ekonomiku u żewġ proġetti ffinanzjati mill-aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru tal-UE. Minkejja li ftit li xejn kien hemm koordinazzjoni fl-istadju tat-tfassil tal-proġett, seħħet xi koordinazzjoni wara t-tnedija tal-proġett fl-2016. Bosta laqgħat ġew organizzati bejn l-aġenzija, ir-rappreżentant tal-Fond fiduċjarju Bêkou f'Bangui, u l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni, biex jiddiskutu modi ta' kif jinħolqu sinerġiji bejn it-tliet proġetti.

²⁵ Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana: Il-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u ta' Bini tal-Paċi għall-2017-2021, li nkiteb mill-persunal tar-RĊA, b'appoġġ mill-UE, min-Nazzjonijiet Uniti, u mill-Grupp tal-Bank Dinji, il-Kapitolu V, il-Figura 5.2, p. 45.

F'Ottubru 2016, ir-rappreżentant tal-Fond fiduċjarju Bêkou f'Bangui laqqa' d-donaturi u l-awtoritajiet tar-RĊA f'sessjoni ta' ħidma dwar is-sigurtà alimentari. Ibbażat fuq din is-sessjoni ta' ħidma, it-tim tal-Fond fiduċjarju Bêkou nieda sejħa għal espressjonijiet ta' interess, li ħadet inkunsiderazzjoni l-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet.

Assistenza teknika ġiet iffinanzjata taħt il-proġett dwar is-saħħa sabiex isiru laqgħat ta' koordinazzjoni ta' kull xahar bejn is-sitt NGOs li joperaw fil-faċilitajiet tas-saħħa fir-RĊA kollha. Għalkemm ma kienx intenzjonat inizjalment, din il-koordinazzjoni xi drabi estendiet lil hinn mill-operaturi tal-Fond fiduċjarju Bêkou, u dan għen biex jiġu mmonitorjati każijiet potenzjali ta' duplikazzjoni ma' donaturi oħra. Dan wassal ukoll biex l-NGOs jarmonizzaw il-metodu ta' xogħol tagħhom.



Il-proġett dwar is-sigurtà alimentari jimmira għall-iżvilupp sostenibbli tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali.

© L-Assoċjazzjoni tas-Salib l-Aħmar fi Franza.

35. Hem xi evidenza li l-Fond fiduċjarju Bêkou jaġixxi f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet tar-RĊA (ara l-**Kaxxa 5** għal eżempju). Il-gvern tar-RĊA biġsibu jespandi r-rwol tiegħu fil-ġestjoni futura tal-fond, billi jikkontribwixxi b'mod aktar sistematiku għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti tiegħu.

Il-proċeduri jistgħu jkunu aktar trasparenti, aktar rapidi u aktar kosteffettivi

36. Ir-Regolament Finanzjarju²⁶ jistipula li huwa meħtieġ li l-fondi fiduċjarji jiġu implementati skont il-prinċipji tat-trasparenza. Il-Ftehim Kostituttiv jipprevedi l-użu ta' proċeduri flessibbli biex jiġi żgurat li l-Fond fiduċjarju Bêkou jkun responsiv u li l-għajnuna tkun tista' tiġi organizzata malajr. Ir-Regolament Finanzjarju jistipula wkoll li massimu ta' 5 % tal-ammonti aggregati f'fond fiduċjarju jistgħu jintużaw sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-Kummissjoni relatati mal-ġestjoni. Aħna eżaminajna t-trasparenza u l-veloċità tal-proċeduri tal-għażla u l-kosteffettività tal-Fond fiduċjarju Bêkou meta mqabbel ma mezzi oħra ta' għajnuna.

Trasparenza tal-proċeduri tal-għażla

37. Il-proċeduri applikati mill-Fond fiduċjarju Bêkou fl-għażla tal-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni ta' proġetti ma ġewx ifformalizzati fil-linji gwida dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE. Il-proċeduri li ġew segwiti kienu bbażati fuq dawk preskritti fid-dokument "Procurement and Grants for European Union External Actions – A Practical Guide" (Akkwist u Għotjiet għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea – Gwida Prattika) (PRAG)²⁷, b'xi eċċezzjonijiet addizzjonali.

38. Minbarra għadd limitat ta' kuntratti ta' servizzi, il-Fond fiduċjarju Bêkou uża 3 metodi differenti għall-għażla tal-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-proġetti: 4 ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelegata, 10 għotjiet diretti u 12-il għotja wara sejħa ristretta għal espressjonijiet ta' interess²⁸. Id-definizzjonijiet ta' kull wieħed minnhom, u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi korrispondenti tagħhom, jinstabu fit-**Tabella 1**.

²⁶ L-Artikolu 187 tar-Regolament Finanzjarju.

²⁷ Il-Gwida Prattika tispjega l-proċeduri ta' kkuntrattar applikabbli għall-azzjonijiet esterni tal-UE li huma ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Il-Gwida Prattika tintuża mid-Direttorati Ġenerali u mis-Servizzi tal-Kummissjoni li huma inkarigati mill-istrumenti użati għall-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet esterni.

²⁸ B'kolloxx, aħna awditjajna l-proċeduri tal-għażla għal 26 kuntratt. Tlieta mill-ħames kuntratti l-oħra kienu relatati ma' servizzi (il-kuntratti Nru 7, Nru 8 u Nru 29) u t-tnejn l-oħra kienu għotjiet fil-programm Saħħa II (il-kuntratti Nru 12 u Nru 14), fejn il-proċeduri tal-għażla kienu għadhom għaddejjin fi tmiem l-2016.

Tabella 1 – Definizzjoni u vantaġġi u żvantaġġi prinċipali tal-proċeduri tal-għażla użati mill-Fond fiduċjarju Bêkou għall-għotjiet

Tip	Ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelegata	Għotjiet Diretti	Għotjiet wara sejħa ristretta għal espressjonijiet ta' interess taħt il-Fond fiduċjarju Bêkou
Definizzjoni	Fejn il-Kummissjoni tafda l-ġestjoni tal-fondi lil korp iddelegat minn Stat Membru (jew lil donatur ieħor minn pajjiż terz).	Fejn organizzazzjoni tintgħażel mingħajr rikors għal kompetizzjoni.	Fejn għadd ta' organizzazzjonijiet magħżula minn qabel jiġu mitluba jħejju proposta.
Vantaġġi	• Proċedura rapida • Livell għoli ta' kompetenza disponibbli	• Proċedura rapida • Livell għoli ta' kompetenza disponibbli	• Aktar trasparenti miż-żewġ proċeduri l-oħra • Iffukata fuq esperti rinomati fis-suġġett
Żvantaġġi	• Trasparenza limitata minħabba nuqqas ta' pubbliċità • Saff addizzjonali ta' proċeduri amministrattivi • Possibbiltà ta' Kunflitti ta' interess	• Trasparenza limitata minħabba nuqqas ta' pubbliċità • Tirrestrinġi l-aċċess li organizzazzjonijiet aktar ġodda jkollhom għall-finanzjament	• Tirrestrinġi l-aċċess li organizzazzjonijiet aktar ġodda jkollhom għall-finanzjament

Sors: II-PRAG.

39. Il-proċeduri effettivi tal-għażla li għandhom jiġu applikati mill-Fond fiduċjarju Bêkou u l-grad ta' flessibbiltà awtorizzata mill-PRAG ma ġewx iddefiniti. Konsegwentement, il-mod ta' kif l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni ntgħażlu ma kienx trasparenti għalkollox.

40. L-użu ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelegata jissema fl-Artikolu 10 tal-Ftehim Kostituttiv, li jiddikjara li dawn għandhom ikunu l-għażla ppreferuta kull fejn il-kooperazzjoni ddelegata toffri rispons xieraq f'termini tal-ispiża, l-effettività u l-viżibbiltà Ewropea tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond. Madankollu, filwaqt li l-organizzazzjonijiet magħżula kienu esperti fl-oqsma inkwistjoni, ma tħejjiet l-ebda ġustifikazzjoni għall-użu ta' dawn l-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari fi żmien l-approvazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess tirriżulta minħabba l-preżenza ta' xi wħud minn dawn l-

organizzazzjonijiet fuq il-kumitat operazzjonali tal-fond, fejn il-proġetti u, f'dawn il-każijiet, l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni, jintgħażlu²⁹.

41. Ħamsa mill-għotjiet diretti kienu t-tieni fażi ta' xogħol preċedenti. L-oħrajn ingħataw wara li sar eżaminar tal-organizzazzjonijiet li kienu diġà preżenti fir-RĊA u tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Dan jista' jinftiehem fid-dawl tal-kundizzjonijiet diffiċli fuq il-post fiż-żmien meta saru dawn l-għotjiet. Madankollu, aħna identifikajna każ partikolari fejn, minħabba li kien hemm aktar minn organizzazzjoni waħda li kienet kapaċi twettaq ix-xogħol, setgħet ġiet applikata proċedura aktar kompetittiva³⁰.

42. Għal kull waħda mis-sejħiet ristretti għal espressjonijiet ta' interess ġiet applikata proċedura tal-għażla li kienet adattata għaliha, filwaqt li ttieħdu xi elementi mill-PRAG, iżda bl-appikazzjoni ta' diversi proċeduri aktar flessibbli fi stadji differenti. B'riżultat ta' dan, mhuwiex ċar kif l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni ġew magħżula.

Veloċità tal-proċeduri tal-għażla

43. Id-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà li huma applikabbli għall-Fond fiduċjarju Bêkou jistgħu jipprovdu opportunitajiet biex jiġi ffrankat il-ħin, meta mqabbel mal-approċċi aktar tradizzjonali applikati fil-Kummissjoni. L-istruttura u l-proċess deċiżjonali applikati, flimkien maż-żmien relattivament qasir ta' kemm ilu jeżisti l-fond, jillimitaw il-possibbiltà li jsir tqabbil ta' sinifikat mal-proċeduri stabbiliti għal għajnuna oħra mill-UE. Minkejja dan, aħna identifikajna xi każijiet fejn seta' jiġi ffrankat il-ħin fl-għażla tal-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni.

44. Eżempju wieħed fejn il-Fond fiduċjarju Bêkou seta' ffranka ħin addizzjonali matul il-proċedura tal-għażla kien meta kienu qed isiru diskussjonijiet mal-organizzazzjonijiet dwar il-kontenut tal-proġetti. Għat-tliet tipi kollha ta' proċedura użati, it-tul u l-għadd ta' diskussjonijiet li saru setgħu tnaqqsu. F'14 mis-26 għotja, id-diskussjonijiet dwar il-kontenut

²⁹ Kunflitti ta' interess jistgħu jirriżultaw peress li huwa l-kumitat operazzjonali li inizjalment jagħżel il-proġetti għal finanzjament: dawn il-proġetti jistgħu jingħataw lil organizzazzjonijiet li jkollhom membri tal-persunal tagħhom fuq il-kumitat operazzjonali.

³⁰ Dan jirreferi għall-Kuntratt Nru 15.

tal-proġetti damu aktar minn 100 jum. Iż-żmien medju li ttieħed kien ta' 148 jum, filwaqt li l-itwal żmien kien ta' 503³¹ ijiem u l-iqsar ta' 18-il³² jum. Filwaqt li d-diskussjonijiet li seggew is-sejħiet ristretti għal espressjonijiet ta' interess ħadu medja ta' 50 jum, dawk għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelegata u l-għotjiet diretti ħadu medja ta' 197 u 245 jum rispettivament. Li kieku d-diskussjonijiet saru b'mod differenti, il-ftehimiet kienu jkunu jistgħu jiġu ffinalizzati qabel. Pereżempju, xi wħud mill-kwistjonijiet reġgħu ġew ittrattati minn membri differenti tal-persunal tal-Kummissjoni, bir-riżultat li kien hemm volum kbir ta' skambji bejn iż-żewġ partijiet. Kollegament aħjar bejn il-membri tal-persunal tal-Kummissjoni qabel ma saru dawn l-iskambji seta' qassar iż-żmien għal dawn id-diskussjonijiet.

45. F'ħames każijiet, b'riżultat tad-diskussjonijiet estensivi, kien ukoll meħtieġ li l-infiq jiġi approvat retroattivament³³. Dan kellu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti fl-istadji bikrija tagħhom, peress li n-nuqqas ta' ftehim iffirmit kien jinvolvi inċertezzi legali għall-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni.

Kosteffettività tat-twassil tal-għajnuna

46. L-organizzazzjonijiet tan-NU, il-Bank Dinji u l-Bank Afrikan tal-Iżvilupp kollha jimponu tariffi differenti għall-ġestjoni ta' fondi fiduċjarji. L-ebda wieħed minnhom ma jipprevedi perċentwal ta' inqas mill-5 % preskritt għall-Fond fiduċjarju Bêkou³⁴. Għal għajnuna esterna oħra tal-UE taħt il-FEŻ u taħt il-baġit ġenerali, jiġu imposti wkoll rati kumplessivi ta' aktar minn 5 %.

47. It-tariffi tal-ġestjoni għall-Fond fiduċjarju Bêkou jeskludu s-salarju għall-Maniġer u l-ispejjeż tal-back-office. Dan ifisser li l-ispejjeż totali mgħarrba għall-ġestjoni tal-fond huma

³¹ Dan jirreferi għall-Kuntratt Nru 31.

³² Dan jirreferi għall-Kuntratt Nru 3.

³³ Il-Kuntratti Nru 9, Nru 10, Nru 11, Nru 13 u Nru 30; ikun meħtieġ ukoll għall-Kuntratti Nru 12 u Nru 14.

³⁴ L-organizzazzjonijiet tan-NU għandhom id-dritt jirkupraw l-ispiża indiretta tal-appoġġ għall-programmi b'rata ta' 7 % tal-ammont aggregat f'fond fiduċjarju, flimkien ma tariffa amministrattiva ta' 1 %. Il-Bank Dinji jimponi tariffi standard jew tariffi mfassla apposta, b'tariffa standard minima ta' 5 %. Il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp attwalment jimponi tariffa minima ta' 5 %.

ogħla minn dawk li ġew irrappurtati fil-kontijiet tal-fond. L-ispejjeż kollha għall-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou ma ġewx ikkalkulati. Dawn il-problemi ġew ikkonfermati permezz ta' awditu intern li sar mill-Kummissjoni.

48. B'hal fil-każ tal-għajjnuna kollha għall-iżvilupp, l-ispiża totali għat-twassil tal-għajjnuna hija aktar minn sempliċiment it-tariffa tal-ġestjoni. Barra mit-tariffa tal-Fond fiduċjarju Bêkou, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs li jiġu kkuntrattati jimponu t-tariffi amministrattivi proprji tagħhom. Dawn ġeneralment ikunu perċentwal tal-valur tal-kuntratti, b'massimu ta' 7 %. Madankollu, huma jistgħu jiddelegaw ukoll kompiti fl-implimentazzjoni tal-kuntratti lil organizzazzjonijiet oħra, biex b'hekk iżidu saffi addizzjonali ta' spejjeż amministrattivi. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelegati huma soluzzjoni partikolarment għalja, peress li dawn awtomatikament joħolqu saff addizzjonali ta' spejjeż relatati mal-ġestjoni (ara t-**Tabella 1** hawn fuq). Il-benefiċċji tal-użu ta' dan it-tip ta' finanzjament għandu dejjem jintiżnu bi tqabbil mal-ispejjeż addizzjonali.

49. L-Artikolu 3.8 tal-Ftehim Kostitutiv jipprevedi li l-persunal kollu tal-Fond fiduċjarju Bêkou, se jkun eventwalment ibbażat f'Bangui. Attwalment, rappreżentant wieħed biss tal-fond huwa bbażat f'Bangui, filwaqt li fl-2016 seba' membri tal-persunal kienu bbażati fi Brussell. L-għadd ta' espatrijati bbażati fid-delegazzjoni tal-UE huwa limitat minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà. Aktar ma s-sitwazzjoni fir-RĊA tittejjeb, aktar ma huwa mistenni li dan l-ammont jiżdied. Sa issa għadu ma sarx kalkolu biex jiġi ddeterminat jekk it-trasferiment komplet tal-persunal lejn ir-RĊA jistax jinkiseb fi ħdan il-limitu massimu ta' 5 % (ara l-paragrafu 36)³⁵.

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għadhom mhumie x żviluppatti għalkollox

50. Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni huma importanti sabiex tkun tista' tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-fond u sabiex jiġu adottati miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ. Peress li l-Fond fiduċjarju Bêkou kien l-ewwel fond fiduċjarju tal-UE li kien immaniġġjat mill-

³⁵ L-ispejjeż imġarrba għall-installazzjoni ta' aġenti f'delegazzjoni huma ogħla mill-ispejjeż li jiġġarrbu li kieku dawn jaħdmu fi Brussell.

Kummissjoni Ewropea, huwa jista' jipprovdi tagħlimiet siewja għall-użu futur ta' dan il-mezz ta' għajnuna.

51. Il-Fond fiduċjarju Bêkou ma għandux qafas għall-kejl tal-prestazzjoni tiegħu fil-livell tal-fondi, peress li ma ddefinixxa l-ebda katina komprensiva ta' riżultati għall-oġettiv kumplessiv tiegħu, ta' deskrizzjoni tar-riżultati mistennija (outputs, eżiti, impatt), u tal-indikaturi korrispondenti³⁶. Pereżempju, filwaqt li l-Ftehim Kostitutiv u dokumenti oħra jagħtu indikazzjoni ta' x'jista' jkun mistenni minnu (isaħħaħ ir-reżiljenza, itejjeb il-koordinazzjoni, iwassal l-għajnuna aktar malajr, jimmobilizza massa kruċjali ta' finanzjament, jipprovdi viżibbiltà politika), dawn l-elementi ma ġewx żviluppati f'oġettivi SMART³⁷.

52. Sa tmiem l-2016, ma kien hemm l-ebda proċess sistematiku stabbilit għall-identifikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza tal-Fond fiduċjarju Bêkou li jkunu jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni ttejjeb it-tfassil u l-ġestjoni tal-fondi fiduċjarji. Madankollu, twettqu bosta azzjonijiet li huma rilevanti għal eżerċizzju bħal dan. Azzjonijiet ta' dan it-tip jinkludu l-pubblikazzjoni ta' diversi artikli dwar il-Fond fiduċjarju Bêkou, l-organizzazzjoni ta' konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat, b'mod partikolari ma' rappreżentanti tal-fondi fiduċjarji tal-UE, u preżentazzjonijiet.

53. Fil-livell tal-proġetti, l-oġettivi, ir-riżultati u l-attivitajiet huma ddefiniti. Madankollu, 2 mill-11-il proġett ma għandhomx indikaturi, u għal 8 proġetti, l-indikaturi huma vagi jew ma għandhomx miri. Kwistjonijiet simili nstabu fil-livell tal-kuntratti: xi oġettivi huma biss parzjalment SMART, u l-indikaturi, xi drabi, mhumiex ċari jew ma għandhomx miri korrispondenti (ara l-**Anness III** għad-dettalji).

³⁶ Il-Fond fiduċjarju Bêkou huwa ffinanzjat mill-FEŻ u minn diversi strumenti tal-baġit tal-UE (ara l-**Figura 2**). Dawn tal-aħħar għandhom oqfsa ta' monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni (l-hekk imsejja "oqfsa MORE"), li huma magħmulin minn oġettivi, indikaturi, stadji importanti u miri kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi. L-obbligi ta' rappurtar jinkludu, b'mod partikolari, ir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni. Attwalment, ir-rabta bejn dan ir-rappurtar tar-riżultati u dak tar-riżultati tal-Fond fiduċjarju Bêkou hija limitata.

³⁷ Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju, oġettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bi skadenza (SMART) iridu jkunu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attività koperta mill-baġit.


B'mod ġenerali, minkejja ċ-ċirkustanzi diffiċli, il-Fond fiduċjarju Bêkou kien kiseb riżultati pożittivi sa żmien l-awditu

54. Aħna eżaminajna r-riżultati miksuba mill-fond minn tliet perspettivi: l-għajnuna li attira, l-outputs li pproduċew il-proġetti tiegħu u l-viżibbiltà li ġġenera għall-UE. Dawn huma xi wħud mill-vantaġġi mistennija tal-Fond fiduċjarju Bêkou

Il-Fond fiduċjarju Bêkou attira l-għajnuna, iżda ma attirax wisq donaturi addizzjonali

55. Il-Fond fiduċjarju Bêkou kien mistenni jhegġegħ lil donaturi ġodda biex jipprovdu għajnuna għar-RĊA u jipprovdi għajnuna addizzjonali. Orġinarjament meqjusa bħala “orfni tal-għajnuna”, ir-RĊA bbenefikat minn għajnuna ta’ madwar USD 250 miljun kull sena fil-perjodu ta’ qabel il-kriżi tal-2012/2013 (ara l-**Figura 1**). Fl-2014, din l-għajnuna laħqet l-oġġla livell ta’ USD 610 miljun³⁸.

Figura 1 – Ammont totali tal-għajnuna għar-RĊA, 2006-2015 (f'miljun USD)



Sors: Sett ta’ data tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), żborżamenti tal-għajnuna (ODA) lil pajjiżi u reġjuni [DAC2a] għall-perjodu 2006–2015, disponibbli fuq www.oecd.org/dac/stats/idsonline.


56. L-għajnuna għall-iżvilupp meħtieġa biex jiġi implimentat il-Pjan Nazzjonali ta’ Rkupru u ta’ Bini tal-Paċi tammonta għal bejn wieħed u ieħor USD 3.2 biljun fuq ħames snin (2017-2021). Fil-konferenza tad-donaturi ta’ Novembru 2016, id-donaturi impenjaw lilhom

³⁸ Tliet kwarti ta’ dan l-ammont kienu jikkonsistu f’għajnuna umanitarja, li għandha l-għan li tipprovdi assistenza inizjali ta’ emerġenza. L-għajnuna għall-iżvilupp għandha objettiv li huwa aktar strutturali u fuq terminu twil.

infushom li jagħtu aktar minn USD 2 biljun lir-RĊA f'għajjnuna għall-iżvilupp, biex b'hekk ikopru parti sostanzjali ta' dawn il-ħtiġijiet.

57. Il-Fond fiduċjarju Bêkou attira l-għajjnuna, b'impenji totali li ammontaw għal EUR 146 miljun sa tmiem l-2016 (ara l-**Figura 2**). Dan l-ammont huwa aktar mill-EUR 25 miljun li attira l-Fond fiduċjarju Ezingo tan-NU (ara l-**Anness II**) u kumparabbli mal-allokazzjoni bilaterali taħt il-11-il FEŻ, li huwa mistenni li jammonta għal EUR 208 miljun³⁹.

Figura 2 - Impenji għall-Fond fiduċjarju Bêkou



Sors: Data pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea.

58. Tliet kwarti tar-riżorsi tal-fond joriġinaw mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ. Aktar minn terz ta' din il-kontribuzzjoni huwa għajjnuna addizzjonali għar-RĊA b'żieda għal dak li preċedentement kien ġie impenjat lill-pajjiż taħt mezzi oħra ta' finanzjament mill-UE.

59. Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands u l-Iżvizzera diġà taw għajjnuna lir-RĊA qabel ma ġie stabbilit il-Fond fiduċjarju Bêkou, iżda qabel l-2014 dawn l-ammonti kienu kumparattivament baxxi. Mill-2014 'il quddiem, l-għajjnuna ngħatat permezz tal-fond kif ukoll permezz ta' mezzi oħra ta' għajjnuna (ara l-**Kaxxa 4** għal aktar dettalji dwar l-attività tad-donaturi fir-RĊA).

60. Il-Parlament Ewropew stieden darbtejn lill-Istati Membri biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-Fond fiduċjarju Bêkou. Fl-2016, matul il-kwittanza tal-baġit tal-Fondi Ewropej

³⁹ L-ammont totali tal-PIN huwa ta' EUR 382 miljun, fejn EUR 208 miljun huma fondi ġodda.

għall-lżvilupp għall-2014, huwa appella biex l-“Istati Membri jsiru aktar involuti sabiex jiżguraw li dan il-fond isir operattiv b'mod sħiħ”⁴⁰.

61. Xi Stati Membri jkomplu jappoġġaw il-fondi fiduċjarji tan-NU, kif kienu għamlu qabel il-Fond fiduċjarju Bêkou (ara l-**Anness II**). Il-Fond Umanitarju tan-NU għar-RĊA għandu 11-il donatur, inklużi l-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Franza u n-Netherlands huma wkoll donaturi għall-Fond fiduċjarju Ezingo tan-NU.

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti taw l-outputs li kienu mistennija minnhom f'kuntest diffiċli

62. L-implimentazzjoni ta' 20 minn 31 kuntratt relatati mal-11-il proġett kienet fi stadju avanzat biżżejjed biex stajna nivvalutaw il-prestazzjoni, tal-inqas parzjalment. Filwaqt li l-valutazzjoni li wettaqna kienet suġġetta għal xi limitazzjonijiet⁴¹, aħna nqisu li l-biċċa l-kbira mill-proġetti taw l-outputs li kienu mistennija minnhom.

63. Tliet kuntratti (żewġ studji u kuntratt ta' assistenza teknika) taw l-outputs li kienu mistennija minnhom kompletament. Għal 11-il kuntratt, il-biċċa l-kbira mill-outputs inkisbu (ara l-**Kaxxa 6** għal eżempju). Sitt kuntratti li għadhom għaddejjin kienu għadhom ma kisbux l-outputs tagħhom sa tmiem l-2016, u hemm riskju li dawn għandhom mnejn ma jinkisbux sa tmiem il-proġett (ara l-paragrafu 65 għad-dettalji). L-**Anness III** jagħti valutazzjoni aktar dettaljata għal kull kuntratt.

⁴⁰ Il-Parlament Ewropew “Rapport tat-12.4.2016 dwar il-kwittanza tal-baġit tal-Fondi Ewropej għall-lżvilupp”, A8-0137/2016, il-punt 38. Riżoluzzjoni tal-2015 tappella lill-Istati Membri, kif ukoll lil donaturi oħra, biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-Fond Fiduċjarju Bêkou (Riżoluzzjoni tal-PE tat-8.10.2015, 2015/2874(RSP), il-punt 23).

⁴¹ Ara l-paragrafu 53 dwar id-dgħufijiet li ġew innutati fid-definizzjoni ta' objettivi u indikaturi. L-analiżi li wettaqna għal dan il-kapitolu kienet prinċipalment ibbażata fuq analiżi fl-uffiċċju tal-evidenza disponibbli, peress li aħna stajna nżuru biss tliet proġetti fuq il-post. Aħna użajna evidenza minn tliet sorsi: rapporti ta' evalwazzjoni esterni, rapporti intermedji m'hejjija mill-kuntratturi u tabella ta' monitoraġġ tal-indikaturi kuntrattwali m'hejjija mill-Fond fiduċjarju Bêkou.

Kaxxa 6 - Eżempju ta' outputs: il-proġett dwar is-saħħa

Sitt NGOs irċevew għajjnuna mill-Fond fiduċjarju Bêkou sabiex ikunu jistgħu jgħinu lil 80 faċilità tas-saħħa fir-RĊA kollha biex jipprovdu servizzi tas-saħħa primarja aħjar lill-popolazzjoni lokali.

Din l-għajjnuna rriżultat f'madwar 2 miljun konsultazzjoni medika. L-NGOs qabżu l-miri ssettjati għal bosta indikaturi, bħall-għadd ta' konsultazzjonijiet, l-għadd ta' twelid assistiti u l-għadd ta' nisa li saritilhom żjara medika. F'dawn il-faċilitajiet, il-kura tas-saħħa, il-mediċini u t-testijiet fil-laboratorju ġew ipprovduti mingħajr ħlas għat-tfal, għan-nisa tqal u dawk li jreddgħu, u f'emerġenzi ta' theddid għall-ħajja.

L-attivitajiet ippjanati fil-livell ta' faċilitajiet tas-saħħa, bħal rinnovament, taħriġ tal-persunal, forniment ta' mediċini essenzjali u ta' tagħmir tal-laboratorju, kif ukoll attivitajiet ta' koordinazzjoni u ta' sorveljanza distrettwali kienu qed jitwettqu fil-ħin jew b'dewmien minimu. Pereżempju, fi Bria, sitta mit-tmien faċilitajiet tas-saħħa kienu ġew rinovati, filwaqt li f'Vakaga, seba' faċilitajiet tas-saħħa kienu ġew rinovati u mgħammra.



L-għoti ta' servizzi mediċi f'diversi faċilitajiet tas-saħħa madwar il-pajjiż permezz tal-proġett dwar is-saħħa.

© L-Assoċjazzjoni tas-Salib l-Aħmar fi Franza.

64. Firxa wiesgħa ta' fatturi kemm interni kif ukoll esterni kkontribwew għall-każijiet fejn l-objettivi ma ntlaħqux, bl-aktar wieħed importanti jkun il-kuntest ta' sigurtà diffiċli li fih twettqu l-proġetti (ara l-**Anness III**).

65. Filwaqt li nkisbu ħafna outputs tanġibbli, ir-riżultati b'effetti aktar fundamentali u fuq terminu twil tipikament jieħdu aktar żmien biex jinkisbu. Pereżempju, fil-proġett dwar is-sigurtà alimentari, il-kampanji ta' tilqim tal-bhejjem irnexxew, filwaqt li l-prevenzjoni ta' kunflitti u t-tfassil mill-ġdid tar-rotot ta' mergħat nomadiċi jistgħu jkunu jeħtieġu li jitkomplew f'fażi eventwali oħra. Fil-proġett dwar is-saħħa, filwaqt li l-ewwel fażi tal-forniment ta' servizzi tas-saħħa mis-sitt NGOs irnaxxiet, u filwaqt li studju dwar ir-riforma tal-aġenzija nazzjonali għax-xiri ta' farmaċewtiċi twettaq kif kien ippjanat, l-azzjonijiet għar-riforma tas-servizzi pubbliċi tas-saħħa jeħtieġu aktar żmien.



“Paillottes” huma għarajjex tradizzjonali tat-tiben użati bħala żoni ċentrali għal-laqgħat fil-komunitajiet.

© L-Assoċjazzjoni tas-Salib l-Aħmar fi Franza.

Il-fond jipprovdi viżibbiltà akbar lill-UE

66. Il-Fond fiduċjarju Bêkou kien mistenni jipprovdi viżibbiltà lill-UE, kemm permezz ta' azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-proġetti kif ukoll fil-forma ta' viżibbiltà politika fil-livell tal-fondi.

67. Is-sħab tal-proġetti wettqu ħafna attivitajiet fuq il-post. Dawn kienu jinkludu l-produzzjoni ta' materjal promozzjonali, dokumentarji u artikli akkademiċi, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma nazzjonali dwar ir-riżultati ta' attivitajiet, ċerimonji u sessjonijiet ta' taħriġ, xandiriet tar-radju, żjarat mill-ġurnalisti eċċ., f'konformità mal-pjanijiet tagħhom għall-viżibbiltà.

68. Aktar minn 30 attività relatati mal-viżibbiltà twettqu għall-fond fl-intier tiegħu, li bejn wieħed u ieħor ammontaw għal EUR 191 000. Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tal-Fond fiduċjarju Bêkou jinkludi taqsima ddedikata għall-attivitajiet relatati mal-viżibbiltà u jippreżenta l-oġettivi prinċipali tal-komunikazzjoni, avvenimenti pubbliċi ġenerali, proġetti, is-sit web “capacity4dev”⁴² u materjal ta' komunikazzjoni.

69. Ġew organizzati bosta konferenzi li pprovdew viżibbiltà għall-UE (ara l-**Kaxxa 7** għal eżempji). Delegazzjonijiet minn aktar minn 80 pajjiż minn madwar id-dinja kollha kienu preżenti f'konferenza li saret f'Novembru 2016 fi Brussell, flimkien ma' rappreżentanti ta' livell għoli min-Nazzjonijiet Uniti, mill-Bank Dinji u oħrajn. Din il-konferenza rriżultat f'impenji ta' EUR 2 biljun.

Kaxxa 7 - Il-Fond fiduċjarju Bêkou organizza bosta avvenimenti

It-tim tal-Fond fiduċjarju Bêkou organizza sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, pubblikazzjonijiet, u stqarrijiet għall-istampa, kemm f'Bangui kif ukoll fi Brussell, li ġew koperti tajjeb mill-midja.

Pereżempju, is-sessjoni ta' ħidma “Reżiljenza u Rkupru, it-Triq għall-Iżvilupp” (Bangui, Ġunju 2016) attrirat aktar minn 200 parteċipant minn awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, donaturi, aġenziji tan-NU, NGOs internazzjonali u l-midja, u pprovdiet stampa ġenerali tas-sitwazzjoni

⁴² <https://europa.eu/capacity4dev/>

fir-RĊA, l-isfidi li toħloq u l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Is-sessjoni ta' ħidma rriżultat fi 12-il rakkomandazzjoni li ġew indirizzati lill-gvern tar-RĊA, lis-sħab tal-proġetti u lid-donaturi fil-pajjiż.

Eżempju ieħor huwa l-konferenza internazzjonali ta' livell għoli dwar ir-RĊA (Brussell, Mejju 2015), b'aktar minn 300 parteċipant inklużi l-President tar-RĊA, Ministri, Membri tal-Parlament Ewropew, rappreżentanti tan-Nazzjonijiet Uniti u NGOs. Din irriżultat f'impenji finanzjarji ġodda għall-pajjiż u żewġ donaturi ġodda għall-Fond fiduċjarju Bêkou, l-Italja u l-Iżvizzera.

KONKLUŻJONJET U RAKKOMANDAZZJONJET

70. Il-Fond fiduċjarju Bêkou nħoloq fil-kuntest diffiċli tal-pajjiż, ikkaratterizzat minn problemi fuq il-livell umanitarju u ta' żvilupp, kif ukoll mill-fraġilità tal-awtoritajiet tal-istat u li ma kinux kapaċi jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Filwaqt li aħna nemmnu li t-tfassil u l-ġestjoni tal-fond jistgħu jittejbu, kif inhu ssuġġerit hawn taħt, sabiex dan ikun jista' jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, aħna nirrikonoxxu l-fatt li l-istabbiliment tal-fond kien xieraq u li huwa rnexxielu jikseb xi riżultati pożittivi.

L-istabbiliment tal-Fond fiduċjarju Bêkou

71. Il-Fond fiduċjarju Bêkou nħoloq f'perjodu ta' żmien qasir ħafna. Filwaqt li r-Regolament Finanzjarju jimponi ċerti kundizzjonijiet fuq il-ħolqien ta' fond fiduċjarju, il-Kummissjoni għadha ma kkonkretizzathomx f'qafas analitiku li jkun jippermettilha twettaq valutazzjoni strutturata formalment tal-vantaġġi kumparattivi ta' fondi fiduċjarji meta mqabbla ma' strumenti oħra ta' finanzjament (ara l-paragrafi 13 sa 20).

72. L-ambitu ta' intervent tal-Fond fiduċjarju Bêkou ma kienx ibbażat fuq analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet. Analiżi bħal din setgħet uriet b'mod aktar ċar kif u għalfejn l-attivitajiet tal-fond huma rilevanti għall-oġettiv tiegħu, u liema huma l-lakuni speċifiċi li l-fond jimla (ara l-paragrafi 21 sa 27).

Rakkomandazzjoni 1 – Tiġi żviluppata gwida ulterjuri għall-għażla tal-mezz ta' għajnuna u għall-analiżijiet tal-ħtiġijiet li tiddefinixxi l-ambiti ta' intervent tal-fondi fiduċjarji

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirfina l-linji gwida tagħha dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE billi

- tiżviluppa qafas analitiku bi prinċipji gwida għat-twettiq ta' valutazzjoni konċiża u strutturata tal-vantaġġi kumparattivi ta' fondi fiduċjarji meta mqabbla ma' mezzi oħra ta' għajnuna;
- tintroduċi metodi għat-twettiq ta' analiżijiet tal-ħtiġijiet biex jintwera li l-ambitu ta' intervent ta' fond fiduċjarju intenzjonat ikun xieraq, u biex jintwera liema huma l-lakuni speċifiċi li l-fond jimla.

Jenħtieġ li din il-gwida titfassal b'tali mod li l-proċess ta' ħolqien tal-fondi fiduċjarji ma jittawwalx bla meħtieġ u li l-flessibbiltà tal-fondi tagħhom ma tkunx limitata.

Data għall-implimentazzjoni: Ottubru 2018

Il-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou

73. Il-Fond fiduċjarju Bêkou kellu influwenza limitata fuq il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati, kemm internament fost id-donaturi tiegħu kif ukoll esternament mal-komunità internazzjonali. Madankollu, anke mingħajr mekkaniżmi formali, ir-rappreżentant tal-Fond fiduċjarju Bêkou f'Bangui rnexxielu, permezz ta' prattika tajba, jiżgura xi livell ta' koordinazzjoni fuq il-bażi ta' proġetti individwali (ara l-paragrafi 29 sa 35).

74. Minħabba n-nuqqas ta' dettalji dwar il-proċeduri effettivi tal-għażla applikabbli għall-Fond fiduċjarju Bêkou, il-mod ta' kif l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni ntgħażlu mhuwiex trasparenti għalkollox. Tqajmu kunflitti potenzjali ta' interess fir-rigward ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ddelagata. Seta' jiġi ffrankat ħin addizzjonali waqt id-diskussjonijiet dwar il-kontenut tal-proġetti (ara l-paragrafi 36 sa 44).

75. B'mod ġenerali, it-tariffa tal-ġestjoni ta' 5 % imposta mill-Fond fiduċjarju Bêkou hija konformi ma' mezzi oħra ta' għajnuna għall-iżvilup, iżda għadhom ma ġewx ikkalkulati l-ispejjeż kollha relatati mal-ġestjoni. Barra minn hekk, bħalma hu l-każ għall-għajnuna kollha għall-iżvilupp, l-ispiża totali għat-twassil tal-għajnuna hija aktar minn sempliċiment it-tariffa tal-ġestjoni tal-fond (ara l-paragrafi 46 sa 49). Aħna nemmnu li huwa importanti li jkunu

magħrufa l-ispejjeż kollha relatati mal-użu tal-fond fiduċjarju bħala strument ta' finanzjament, biex b'hekk fil-futur il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk dan huwiex strument kosteffettiv, meta mqabbel ma' modi oħra ta' twassil tal-għajnuna mill-UE.

76. Fil-livell tal-fondi, il-Fond fiduċjarju Bêkou ma għandu l-ebda qafas għall-kejl tal-prestazzjoni tiegħu, peress li l-oġettivi speċifiċi tiegħu, bl-indikaturi korrispondenti għadhom ma ġewx żviluppati. Dan jagħmilha diffiċli biex il-fond jiġi mmonitorjat u biex ir-riżultati li jikseb jiġu evalwati. Il-Kummissjoni għad ma għandhiex proċess sistematiku biex tidentifika t-tagħlimiet meħuda permezz tal-Fond fiduċjarju Bêkou, li jkunu jistgħu jgħinuha ttejjeb it-tfassil u l-ġestjoni tal-fondi fiduċjarji (ara l-paragrafi 50 sa 53).

Rakkomandazzjoni 2 – Isir titjib fil-koordinazzjoni mid-donaturi, il-proċeduri tal-għażla u l-kejl tal-prestazzjoni, u l-ispejjeż amministrattivi jiġu ottimizzati

Jenħtieġ li l-Kummissjoni

- tikkoordina b'mod aktar sistematiku l-għajnuna pprovduta permezz tal-Fond fiduċjarju Bêkou ma' għajnuna bilaterali oħra pprovduta mid-donaturi tal-fond;
- tiżgura li meta jiġu applikati r-regoli u l-proċeduri tal-Kummissjoni biex jintgħażlu l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni, kull eċċezzjoni li ssir għal dawk ir-regoli tiġi rrappurtata b'mod ċar u tiżgura li jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet dwar kif għandhom jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, kif ukoll tesplora modi ta' kif tista' tiżdied il-veloċità tal-proċeduri tal-għażla, b'mod partikolari fil-fażi ta' diskussjonijiet dwar il-kontenut tal-proġetti;
- tikkalkula l-ispejjeż kollha relatati mal-ġestjoni tal-Fond fiduċjarju Bêkou u ssib modi kif timmassimizza l-ammont ta' għajnuna li tingħata lill-benefiċjarji finali;
- tissettja oġettivi SMART għall-Fond fiduċjarju Bêkou flimkien ma' indikaturi korrispondenti, sabiex tkun tista' timmonitorja u turi l-vantaġġi li l-fond jagħti, u tintroduċi proċess ta' tagħlimiet meħuda fil-linji gwida tagħha dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE.

Data għall-implimentazzjoni: Ottubru 2018

Ir-riżultati miksuba mill-Fond fiduċjarju Bêkou

77. Il-Fond fiduċjarju Bêkou attira l-għajnuna, b'impenji totali li ammontaw għal EUR 146 miljun sa żmien l-awditu. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-fondi joriġinaw mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Id-donaturi l-oħra kollha kienu taw għajnuna lir-RĊA qabel ma ġie stabbilit il-fond, iżda qabel l-2014 dawn l-ammonti kienu kumparattivament baxxi (ara l-paragrafi 55 sa 61).

78. Fil-livell tal-proġetti, minkejja kuntest ta' sigurtà li ta' spiss kien diffiċli, 14-il kuntratt minn 20 taw l-outputs kollha li kienu mistennija minnhom, jew il-biċċa l-kbira minn dawn l-outputs (ara l-paragrafi 62 sa 65).

79. Il-fond jipprovdi viżibbiltà akbar lill-UE. Is-sħab tal-proġetti wettqu attivitajiet fuq il-post li kienu relatati mal-viżibbiltà, u aktar minn 30 attività twettqu b'suċċess għall-fond fl-intier tiegħu (ara l-paragrafi 66 sa 69).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

Anness I**Lista ta' proġetti u kuntratti**

Nru	Proġett	Titolu tal-kuntratt	Tip ta' sieħeb	Tip ta' kuntratt	Data meta nbeda	Durata (xhur)	Poċedura ta' għoti	Għajjuna mill-UE (EUR)	Żona ġeografika	Deskrizzjoni
1	Saħħa I	Appui au District sanitaire des Castors	NGO	għotja	16.1.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	2 300 000	Bangui, it-tielet distrett	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
2	Saħħa I	Assistance médico-nutritionnelle pour les populations affectées et relance du système de santé	NGO	għotja	10.2.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	1 421 800	Bangui, l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u t-tmien distrett	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
3	Saħħa I	Strengthening the health system in the North-eastern Central African Republic	NGO	għotja	6.1.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	3 020 000	Ir-reġjuni ta' Bria u Birao	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
4	Saħħa I	Appui à la restauration du système de santé de base	NGO	għotja	11.2.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	3 493 959	Ir-reġjuni ta' Bangassou u Bossangoa	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
5	Saħħa I	Assistance médico-nutritionnelle auprès des populations résidentes et déplacées	NGO	għotja	11.2.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	2 215 051	Bangui, is-sitt distrett	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
6	Saħħa I	Appui à la restauration du système de santé de base	NGO	għotja	2.7.2015	18	għotja diretta	1 740 000	Ndelé	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
7	Saħħa I	AT Santé	kumpanija privata	servizzi	4.9.2015	15	proċedura negozjata	494 800	RĊA	Assistenza teknika
8	Saħħa I	Etude médicaments	kumpanija privata	servizzi	23.9.2015	3	proċedura negozjata	53 298	RĊA	Studju dwar il-provvista tal-farmaċewtiċi
TOTAL għal Saħħa I								14 738 908		
9	Saħħa II	Projet d'assistance médico-nutritionnelle pour les populations vulnérables et renforcement du système de santé	NGO	għotja	19.11.2016	18	għotja diretta	1 800 000	Bangui, l-ewwel, it-tieni u r-raba' distrett	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
10	Saħħa II	Projet d'assistance médico-nutritionnelle auprès des populations résidentes et déplacées	NGO	għotja	7.12.2016	18	għotja diretta	2 116 851	Bangui, is-sitt distrett; Bimbo	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
11	Saħħa II	Strengthening the health system in North-eastern Central African Republic	NGO	għotja	9.12.2016	18	għotja diretta	3 000 000	Ir-reġjuni ta' Bria u Birao	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
12	Saħħa II	Appui à la restauration du système de santé	NGO	għotja		18	għotja diretta	3 189 644	Ir-reġjuni ta' Bangassou u Bossangoa	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
13	Saħħa II	Soutien au district de Castors pour la consolidation durable du système sanitaire	NGO	għotja	22.12.2016	18	għotja diretta	1 800 000	Bangui, it-tielet distrett	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
14	Saħħa II	Appui à la restauration du système de santé de base en faveur des populations vulnérables	NGO	għotja		18	għotja diretta		Ndelé	Appoġġ mogħti lil faċilitajiet tas-saħħa
TOTAL għal Saħħa II								11 906 495		

15	Sess I	Programme d'amélioration de la situation économique et sociale des femmes et de leurs familles	NGO	għotja	15.1.2015	18 + 1.5 (estensjoni)	għotja diretta	1 379 967	Bangui, Bimbo, Nana Gribizi, Ouham Pendé, La Kémo	Appoġġ lin-nisa (attivitajiet li jiġġeneraw dħul, alfabetizzazzjoni)
16	Riabilitazzjoni urbana I	Programme de reconstruction économique et sociale en milieu urbain - PRESU I	Aġenzija bilaterali ta' Stat Membru	kooperazzjoni ddelegata	1.6.2015	36	/	4 400 000	Bangui, it-tielet u l-ħames distrett	Xogħol li jirrikjedi ħafna ħaddiema
17	Riabilitazzjoni urbana II	Programme de reconstruction économique et sociale en milieu urbain - PRESU II	Aġenzija bilaterali ta' Stat Membru	kooperazzjoni ddelegata	1.1.2017	36	/	11 660 000	Bangui, it-tielet u l-ħames distrett	Xogħol li jirrikjedi ħafna ħaddiema
18	Refuġjati	Programme de réponse à court et moyen terme à l'afflux de réfugiés de République centrafricaine	Aġenzija bilaterali ta' Stat Membru	kooperazzjoni ddelegata	28.4.2015	18	/	4 380 000	Il-Kamerun: ir-reġjuni ta' Bertoua u Adamoua	Appoġġ mogħti lir-refuġjati mir-RCA u lill-popolazzjoni lokali
19	Sigurtà alimentari	Contribuer à l'amélioration de la sécurité alimentaire et au relèvement socio-économique des communautés paysannes par le renforcement de leurs capacités de résilience	NGO	għotja	12.6.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	1 500 000	Ouham Pendé, Ouham	Provvediment ta' inputs (żrieragħ, għodod) lill-agropastoralisti
20	Sigurtà alimentari	Appui à la participation des OSC et populations locales et autochtones dans la gouvernance des ressources naturelles et le relèvement socio-économique du Sud-ouest de la RCA	NGO	għotja	19.8.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	374 794	Il-prefetturi ta' Sangha-Mbaéré u Lobaye	Governanza tar-żirors tal-forestrija permezz tas-soċjetà ċivili
21	Sigurtà alimentari	Cohabitation, synergie et résilience agropastorale	NGO	għotja	7.11.2015	18	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	362 164	Koui, Ngaoundaye, Paoua, Bocaranga, Ouham, Ouham Pendé, Bamingui Bangoran	Kampanji ta' tilqim, koeżjoni soċjali
22	Sigurtà alimentari	Contribution à la paix sociale et à la sécurité alimentaire durable à travers la restauration du dialogue et la relance du secteur élevage en RCA	NGO	għotja	13.11.2015	24	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	450 088	Nana-Gribizi, Ouham	Kampanji ta' tilqim, koeżjoni soċjali
23	Sigurtà alimentari	Appui à la résilience des populations en matière de sécurité alimentaire, à travers une approche "Caisse de résilience"	Organizzazzjoni internazzjonali	għotja PAGODA	18.4.2015	18	Note concédant la Rétroactivité	1 700 000	żoni ta' intervent tal-NGOs sħab	Provvediment ta' inputs (żrieragħ, għodod)
24	Sigurtà alimentari	Renforcement de la résilience des éleveurs à travers la réorganisation des réseaux de transhumance et le rétablissement des échanges intercommunautaires entre éleveurs et agriculteurs	NGO	għotja	6.11.2015	20	għotja diretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess	495 000	Il-prefetturi ta' Basse Kotto, Mbomou u Haut Mbomo	Kampanji ta' tilqim, koeżjoni soċjali
25	Sigurtà alimentari	Transhumance	Organizzazzjoni internazzjonali	għotja PAGODA	1.12.2015	18		500 000	żoni ta' intervent tal-NGOs sħab	Kampanji ta' tilqim, koeżjoni soċjali
26	Sigurtà alimentari	Transhumance	NGO	għotja	29.2.2016	15		497 422	żoni ta' intervent tal-NGOs sħab	Kampanji ta' tilqim, koeżjoni soċjali
TOTAL għal Sigurtà alimentari								5 879 468		
27	Rikonċiljazzjoni	3R	Aġenzija bilaterali ta' Stat Membru	kooperazzjoni ddelegata	2.5.2016	30		3 700 000		Servizzi lokali, koeżjoni soċjali, rkupru bikri
28	Rikonċiljazzjoni	Radio Ndeke Luka	NGO	għotja	31.5.2016	24		1 500 000		Appoġġ lil stazzjon tar-radju
29	Rikonċiljazzjoni	Étude - "promouvoir la réconciliation et le dialogue en République centrafricaine"	kumpanija privata	servizzi	28.6.2016	3	kuntratt ta' valur baxx	19 500		Studju dwar tensjonijiet interkomunitarji
TOTAL għal Rikonċiljazzjoni								5 219 500		

30	ECOFAUNE+	Écosystèmes faunistiques du Nord-est RCA/Tchad et du Sud-est de la RCA - volet nord	NGO	għotja	1.7.2016	24		3 834 750	Il-Grigal u x-Xlokk tar-RĊA	Protezzjoni tal-ekosistemi tal-fawna
31	Rkupru ekonomiku	Fini Bangondo Ti Mai (Nouvelle vision pour le développement)	NGO	għotja	1.9.2016	24	proċedura negozjata	7 467 455		Rkupru ekonomiku permezz ta' aċċess għall-finanzjament
							TOTAL KUMPLESSIV	70 886 543		

Anness II**Lista ta' seba' fondi fiduċjarji tan-NU li joperaw fir-RĊA**

Isem	Ambitu tematiku	Ambitu ġeografiku	Sena tal-ħolqien	Fondi għar-RĊA	Fondi Totali	Donaturi	Proġetti fir-RĊA	Mekkaniżmi
Fond Umanitarju fir-RĊA (FU)	Għajjnuna umanitarja, assistenza għal komunitajiet vulnerabbli milquta minn emerġenzi	RĊA	2008 (qabel: Fond Umanitarj u Komuni)	USD 156.7 miljun impenjati (2008-2018), USD 149.5 miljun depożitati, USD 140.1 miljun approvati	idem	11-il donatur: il-Belġju, il-Kanada, id-Danimarka, id-DFID, il-Ġermanja, Irish aid, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, l-lżvezja, l-lżvizzera	139 mill-2008 'il hawn, 122 mill-2014 'il hawn	Aġenziji tan-NU, NGOs fi Programm Koordinat ta' Għajjnuna (CAP) huma eliġibbli
Fond Fiduċjarju b'Mafna Sħab Ezingo	Stabilizzazzjoni / rkupru tar-RĊA	RĊA	2014	USD 26.2 miljun impenjati (2014-2015), USD 24.9 miljun depożitati, USD 20.7 miljun approvati	idem	Franza, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Fond għall-Bini tal-Paċi (PBF), il-Bureau of International Narcotics and Law Enforcement Affairs (INL) tal-Istati Uniti	9	2 twieqi: Aġenziji tan-NU u appoġġ baġitarju; proċedura rapida
Fond Ċentrali għar-Rispons f'Emerġenza (CERF)	Rispons umanitarju rapidu għal persuni milquta minn diżastri naturali u minn kunflitti armati	fid-dinja kollha	2005 (qabel: Fond Ċentrali Rotanti ta' Emerġenza)	USD 108.5 miljun (2006-2017): 6 (2017), 12 (2016), 11.6 (2015), 25.1 (2014)	USD 4.8 biljun (2006-2017)	126 donatur, inklużi l-Awstralja, il-Belġju, il-Kanada, id-Danimarka, Franza, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, Spanja, l-lżvezja, l-lżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerka		2 twieqi: Rispons Rapidu u Emerġenzi Sottofinanzjati; għall-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-NU, u għall-IOM
Fond għall-Bini tal-Paċi	Inizjattivi għall-bini tal-paċi wara l-kunflitti	fid-dinja kollha (attwalment 35 pajjiż)	2006	USD 56.2 miljun approvati (2007-2017): 268 000 (2016), 8.1 miljun (2015), 13.5 miljun (2014)	USD 779 miljun impenjati, 736 depożitati, (2006-2019)	59 donatur, inklużi l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-lżvezja, l-lżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerka	35 mill-2007 'il hawn, 8 mill-2014 'il hawn	Faċilità għall-Irkupru u l-Bini tal-Paċi (PRF), Faċilità għal Rispons Immedjat (IRF)
Fond għall-Azzjoni Kontra l-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti	Tmim tal-vjolenza sesswali matul u wara kunflitti armati	attwalment in-NU u 4 pajjiżi	2009	USD 853 550 (2009-2016)	USD 42.9 miljun impenjati, 41.2 depożitati, 37.6 approvati (2009-2017)	13-il donatur: l-Emirati Għarab, il-Bahrain, il-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Ġappun, il-Lussemburgu, in-Norveġja, l-lżvezja, l-lżvizzera, it-Turkija, ir-Renju Unit	1 (Ġustizzja, UNDP)	Organizzazzjonijiet tan-NU f'memorandum ta' qbil huma eliġibbli
Sħubija tal-Popli Indigjeni (UNIPP)	Promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indigjeni	attwalment in-NU u 6 pajjiżi	2011	USD 180 000 (2011-2016)	USD 2.1 miljun impenjati/, 1.4 approvati u depożitati (2011-2016)	Id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda	1 (ILO, UNFPA)	Kollaborazzjoni bejn l-aġenziji: ILO, OHCHR, UNICEF, UNFPA, UNDP

Fond Fiduċjarju b'Ħafna sħab tal-Inizjattiva għall-Foresti tal- Afrika Ċentrali (CAFI)	Indirizzar tad- deforestazzjoni	Il-Kamerun, ir- RĊA, il-Kongo, ir- RDK, il-Guinea Ekwatorjali, il- Gabon	2015	USD 1 miljun (2015)	USD 252.3 miljun impenjati, 43.2 approvati (2015-2020)	Il-Brażil, l-UE, Franza, il-Ġermanja, in- Norveġja, ir-Renju Unit	1 (proġett preparatorju)	permezz ta' Fondi Nazżjonali jew permezz ta' Programmi Nazżjonali
---	------------------------------------	--	------	---------------------	---	--	-----------------------------	---

Sorsi: <http://mptf.undp.org>, www.unocha.org/cerf mis-16 ta' Marzu 2017.

Anness III**Evalwazzjoni tal-ilħuq tal-oġġettivi fir-rigward tal-outputs tal-proġetti permezz ta' kowds tal-kuluri**

Nru tal-Kuntratt	Oġġettivi SMART	Indikaturi ċari	Miri	Outputs miksuba	Skont l-iskeda	Skont il-baġit	Eżempji ta' fatturi li jaffettwaw l-ilħuq tal-oġġettivi	
							Fatturi esterni	Fatturi interni
1	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva	Sitwazzjoni ta' sigurtà instabbli; aċċess diffiċli għal xi żoni; infrastruttura fqira (telekomunikazzjoni, internet eċċ.) li twassal għal diffikultajiet fil-komunikazzjoni; nuqqas ta' tagħmir; irregolaritajiet potenzjali, rikattar organizzat.	Oġġettivi / linji bażi ambizzjużi żżejjed; l-ebda dijanjostika/studji ta' fattibbiltà biex jiġu identifikati s-sitwazzjoni fuq il-post u l-indikaturi/il-miri tat-tfassil li huma rilevanti; problemi ta' ppjanar, koordinazzjoni u monitoraġġ bejn l-awtoritajiet tar-RĊA u l-atturi fil-qasam.
2	Parzjalment	Iva	Iva		Le	Iva		
3	Parzjalment	Iva	Parzjalment		Le	Iva		
4	Parzjalment	Iva	Parzjalment		Iva	Iva		
5	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Le		
6	Parzjalment	Parzjalment	Iva		Iva	Iva		
7	Parzjalment	Iva	Parzjalment		Iva	Iva		
8	Iva	M/A	M/A		Le	Le		
15	Parzjalment	Iva	Parzjalment		Iva	Iva	Sitwazzjoni ta' sigurtà instabbli; nuqqas ta' fornituri lokali biex jipprovdu inputs għall-attivitajiet; livell baxx ta' riżorsi ta' teknoloġija tal-informatika.	
16	Parzjalment	Parzjalment	Le		Iva	Iva	Sitwazzjoni ta' sigurtà instabbli; forza tax-xogħol limitata peress li persuni spostati ma rritornawx; livell baxx ta' koeżjoni soċjali, nuqqas ta' djalogu komunitarju; nuqqas ta' riżorsi finanzjarji tal-istituzzjonijiet pubbliċi; frodi suspettata fl-għażla tal-benefiċjarji.	Komunikazzjoni fqira; wisq oġġettivi speċifiċi (4) u riżultati (6) li joħolqu konfużjoni bejn eżiti u outputs.
18	Parzjalment	Iva	Iva		Le	Iva	Tensjonijiet bejn in-nies tal-post u r-refuġjati minħabba li l-għajnuna tmur fil-biċċa l-kbira lir-refuġjati.	Dewmien f'deċiżjonijiet mill-Fond fiduċjarju Bêkou; problemi ta' komunikazzjoni.
19	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva	Sitwazzjoni ta' sigurtà instabbli; aċċess diffiċli għal xi żoni u riżorsi loġistiċi skarsi; nuqqas ta' riżorsi umani mħarrġa; nuqqas ta' stat tad-dritt (ineżistenza ta' karta tat-transumanza, diffikultajiet biex jiġu ttraċċati kurituri tat-transumanza); aċċess fqir għas-servizzi finanzjarji; serq ta' bhejjem.	Oġġettivi ambizzjużi żżejjed, speċjalment fid-dawl tal-fraġilità tal-Istat u n-nuqqas ta' sigurtà
20	Parzjalment	Parzjalment	Iva		Iva	Iva		
21	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva		
22	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva		
23	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva		
24	Parzjalment	Iva	Iva		Iva	Iva		
25	Parzjalment	Parzjalment	Parzjalment		Iva	Iva		
26	Parzjalment	Parzjalment	Parzjalment		Iva	Iva		
27	Parzjalment	Parzjalment	Le		Iva	Iva	M/A	M/A
28	Parzjalment	Parzjalment	Parzjalment		Iva	Iva		
29	Iva	M/A	M/A		Iva	Iva		
30	Parzjalment	Parzjalment	Le		Iva	Iva	M/A	M/A

Didaskalija: aħdar – inkisbu għalkollox, isfar – fil-biċċa l-kbira nkisbu; oranġjo – fil-biċċa l-kbira (għadhom) ma nkisbux; aħmar – ma bkisbux; griż – mhux ivvalutati, implimentazzjoni mhux avvanzata biżżejjed.

Dettalji: Il-Kuntratt Nru 2: durata estiża b'xahar u nofs; il-Kuntratt Nru 3: durata estiża b'xahar; il-Kuntratt Nru 5: il-kontribuzzjoni mill-UE żdiedet minn EUR 1.7 miljun għal EUR 2.2 miljun; il-Kuntratt Nru 8: il-kontribuzzjoni mill-UE żdiedet minn EUR 47 000 għal EUR 53 000 u d-durata ġiet estiża b'5 xhur; il-Kuntratt Nru 18: id-durata ġiet estiża bi 8 xhur.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

“IL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE TA' BÊKOU DWAR IR-REPUBBLIKA ĊENTRU-AFRIKANA: BIDU INKORAĠĠANTI MINKEJJA ĊERTI NUQQASIJIET”

SOMMARJU EŻEKUTTIV

II. Fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR) faqqgħet kriżi ta' kobor bla preċedent fl-2013/2014 li wasslet għal vjolenza bejn il-komunitajiet, ikkwalifikata minn analisti bħala “ta' qabel ġenoċidju” fil-karatteristiċi tagħha, u d-dgħufija ta' funzjonijiet bażiċi tal-istat. Minbarra l-azzjoni umanitarja, kien hemm bżonn kbir ta' appoġġ kuraġġuż għar-reżiljenza.

III. Il-CAR għaddiet minn kriżijiet rikorrenti. Il-CAR, imdawra bl-art u skartata mill-komunità internazzjonali (“orfni tal-ġhajnuna”), qed tiffaċċja sfidi strutturali biex tegħleb il-faqar.

IV. Il-Fond Fiduċjarju ta' Bekou (BTF) huwa l-ewwel Fond Fiduċjarju maħluq mill-UE. Bħala tali, il-kisbiet u l-prestazzjoni tiegħu huma mirfuda minn titjib kontinwu, innovazzjoni u tagħlim. Il-BTF jislet minn lezzjonijiet meħuda minn atturi simili fuq il-bażi ta' studji eżistenti u valutazzjonijiet ta' reżiljenza u kooperazzjoni għall-iżvilupp f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità.

V. L-analiżi mwettqa qabel il-ħolqien tal-BTF ħadet rendikont tal-ġhadd ta' studji u analiżi li saru minn imsieħba li huma l-aktar impenjati fil-CAR u f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità.

VI. Il-BTF fetaħ toroq ġodda ta' kif jiġu kkoordinati l-azzjonijiet immexxija mill-UE u l-Istati Membri tagħha li sa issa ma ġewx sfruttati għalkollox f'dan l-istadju.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, meta wieħed jikkunsidra t-tul kollu taċ-ċiklu tal-proġett, il-veloċità ġenerali tal-Bêkou hija oġġla minn dik ta' strumenti oħra tal-UE f'sitwazzjoni ta' kriżi. Madankollu, il-Kummissjoni taqbel li hi se tesplora modi biex iżżid il-ħeffa tal-proċeduri tal-ġhażla lil hinn minn dak li jippermettu bħalissa r-regoli interni filwaqt li jinstab bilanċ tajjeb bejn il-ħeffa u t-trasparenza.

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni huma żviluppati fil-livell tal-proġett u se jiġu gradwalment imtejba fil-livell tal-fond.

VIII. Dwar it-tieni punt, il-BTF jagħti l-opportunità lill-membri tiegħu biex ikomplu jikkoordinaw. Rigward il-koordinazzjoni tad-donaturi ġenerali, is-sitwazzjoni evolviet b'mod pożittiv: Il-proċess Resilience et Consolidation de la Paix en Centrafrique (RCPCA) inniedi f'Novembru 2016 wara l-konferenza tad-donaturi fi Brussell issa beda u l-koordinazzjoni tad-donaturi kollha qed issir mill-gvern tal-CAR appoġġat minn “segretarjat permanenti”.

Fir-rigward tal-proċeduri tal-ġhażla u l-kejl tal-prestazzjoni, il-BTF iġġenera u jibqa' gradwalment jintroduċi titjib, innovazzjoni u tagħlim.

Fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi, wara rakkomandazzjoni maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tagħha, il-Kummissjoni diġà fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza dan il-punt u bħalissa qed timplimenta l-azzjonijiet maħsuba.

DAĦLA

1. L-UE, id-donattriciewlieni umanitarja u għall-iżvilupp, ilha għal żmien twil mingħajr ebda għażla oħra ħlief li tiffinanzja lill-BD jew il-Fondi Fiduċjarji amministrati min-NU sabiex ikun hemm reazzjoni għal kriżijiet naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem. Għalkemm dawn il-fondi fiduċjarji seta' kellhom valur miżjud, l-UE, hi u tibni fuq it-Trattat ta' Lisbona, fuq l- “approċċ komprensiv” u fuq “l-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà” stabbiliet l-għodda tagħha stess biex ikollha rwol attiv f'tali sitwazzjonijiet, b'mod speċjali fil-CAR, fejn l-UE hija impenjata b'mod qawwi bl-istrumenti disponibbli kollha tagħha mobilizzati.

4. Ġie miftiehem bejn is-sħab fundaturi tal-BTF, fuq il-bażi tal-analiżi tagħhom tal-ħtiġijiet u l-profil ta' vulnerabbiltà tal-pajjiż li r-reżiljenza kienet l-aktar qasam mhux iffinanzjat u l-aktar wieħed relevanti għal Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD) sabiex il-CAR titbiegħed mill-kriżi u tersaq lejn l-istabbiltà.

7. Għal bosta snin, il-CAR kienet orfni tal-għajnuna. Iż-żieda kbira tal-ODA lejn il-CAR bejn l-2015 u l-2016 hi dovuta l-aktar għal żieda f'daqqa tal-ħtiġijiet li rriżultaw mill-kriżi u l-intervent umanitarju sussegwenti ta' dawn l-inizjattivi. F'dak li għandu x'jaqşam mal-għajnuna programmabbli fuq medda twila ta' żmien, il-ħtiġijiet tal-pajjiż mhumie x'ifinanzjati biżżejjed. Il-BTF huwa katalista għall-impenn tad-donaturi għal perjodu qasir, medju u twil ta' żmien f'dan ir-rigward.

OSSERVAZZJONIJIET

13. L-UE, sieħba ewlieni u li ilha teżisti għall-iżvilupp tal-CAR, qatt ma għalqet l-operazzjonijiet bilaterali tagħha, anki tul l-aġar fażi tal-kriżi. L-uffiċċju umanitarju tagħha baqa' miftuħ matul il-kriżi u ġie attribwit baġit ulterjuri biex jissodisfa l-ħtiġijiet urġenti. Sadattant, l-UE nediet operazzjoni militari tal-UE (EUFOR) biex tistabbilizza l-pajjiż. Sabiex tappoġġa lil CAR biex timxi minn stat ta' wara l-kriżi għal fażi ta' stabbiltà, kien hemm bżonn ta' attivitajiet ibbażati fuq reżiljenza b'mod urġenti, għalhekk inħolqot għodda speċifika mfassla biex tidentifika u timplimenta tali proġetti ta' benefiċċju għall-popolazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi.

14. Il-BTF jopera fuq il-bażi ta' ġestjoni ċentralizzata minħabba l-ħtieġa li jagħti riżultati mgħaġġla f'perjodu ta' żmien meta l-gvern ta' tranżizzjoni ma kienx f'pożizzjoni li jwettaq ir-responsabbiltajiet kollha u l-operazzjonijiet li jirriżultaw minn ġestjoni deċentralizzata.

15. Il-kunsens bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha ħareġ immedjatament fuq i) il-prinċipju li tintervjeni fil-CAR biex issaħħaħ ir-reżiljenza, ii) dwar il-bżonn li timxi lil hinn minn Prattiki standard minħabba n-natura speċifika tal-kriżi u l-fraġilità tas-sitwazzjoni.

Kaxxa 1 — Il-Fora ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna jappellaw għal awtokontroll fir-rigward tal-ħolqien ta' kanali ġodda ta' għajnuna

L-aġenda tal-effikaċja tal-għajnuna wriet il-valur miżjud tagħha f'sitwazzjonijiet “regolari” u hija kruċjali għall-UE. Madankollu, din l-aġenda ma teskludix li d-donaturi milli jindirizzaw l-ħtiġijiet urġenti ta' pajjiż li għadda minn sitwazzjoni ta' “qabel ġenoċidju” b'wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni soġġett għal ċaqliq sfurzat/migrazzjoni speċjalment meta l-mezzi eżistenti tal-għajnuna ma kinux kapaċi jwasslu r-riżultati mistennija jew mhux kapaċi jiżguraw l-LRRD fil-CAR.

L-UE ma hasbitiex darbtejn qabel nediet il-BTF b'diversi żjajjar ta' dik li kienet il-Kummissarju Georgieva għall-CAR fl-2013 u l-2014 u sensiela ta' workshops dwar l-aħjar metodi biex tiġi indirizzata r-reżistenza/l-isfida tal-LRRD fil-pajjiż peress li l-għajnuna umanitarja ma kinitx biżżejjed u lanqas maħsuba biex iġġib impatt fit-tul.

19. Il-Kummissjoni, flimkien mal-imsieħba prinċipali impenjati, debitament evalwat il-valur miżjud ta' Fond Fiduċjarju u r-rilevanza ta' reżiljenza/tal-approċċ tal-LRRD lejn il-CAR.

Waqt li kienet qed twettaq l-analiżi meħtieġa qabel il-ħolqien tal-BTF, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti bidu għal valutazzjoni/proċess twil li kien jixħet dubju dwar il-ħila tal-UE bħala attur kredibbli, affidabbli u effiċjenti fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza d-differenzi bejn l-użu u l-finijiet tal-BD u n-NU TF u l-għan intiż mil-leġiżlatur meta ġew introdotti l-fondi fiduċjarji tal-UE fir-Regolament Finanzjarju (FR).

L-EUTF Békou huwa “Fond Fiduċjarju ta' emerġenza”, li fil-ħolqien u l-implimentazzjoni tiegħu jirrikjedi veloċità.

Il-Ġestjoni tal-Fondi Fiduċjarji hija waħda mir-rwoli ewlenin tal-BD. Il-BD jamministra mijiet ta' TFs, filwaqt li għall-Kummissjoni, din mhijiex l-għodda standard tal-implimentazzjoni.

Peress li l-EUTFs huma fl-istadji bikrin tal-iżvilupp, il-fatt li wieħed joqgħod iqabbel man-NU u TFs tal-BD jista' ma jkunx totalment rilevanti f'dan il-mument.

20. Analiżi strutturata u dokumentata mhix rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju. L-Art. 187(3) jispeċifika biss li l-Fondi Fiduċjarji jridu jikkonformaw ma' għadd ta' kundizzjonijiet. Ma hemm l-ebda talba biex il-mod kif dawn il-kundizzjonijiet jiġu verifikati jiġi formalizzata b'xi mod.

Il -Kummissjoni segwiet u rrispettat id-dispożizzjonijiet tal-qafas legali tagħha stess, jiġifieri l-FR. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-FR huma tradotti fil-Linji Gwida tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE ppubblikati fil-Manwal tad-DEVCO . Dawn il-linji gwida ġew abbozzati qabel il-ħolqien tal-ewwel EUTF, u huma maħsuba biex jiġu aġġornati regolarment fuq il-bażi tal-lezzjonijiet meħuda minn Fondi Fiduċjarji li jeżistu bħalissa.

Id-deċiżjoni tal-ħolqien tat-TF tistrieħ fuq l-analiżi tal-kriżi u r-rispons meħtieġ u hija ssostanzjata fid-deċiżjoni li ħolqot il-Fond Fiduċjarju.

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-paragrafu 19.

21. Fl-2014, il-CAR kienet orfni tal-ghajjnuna u kienet lejn l-aħħar tal-klassifika tal-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tal-UNDP. Diversi studji u analiżi, inklużi dawk li saru mill-UNDP (speċjalment l-indikaturi tas-saħħa u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi bażiċi), u l-identifikazzjoni tar-reżiljenza bħala l-aktar qasam mhux iffinanzjat fil-CAR inkwadrat il-mandat tal-BTF madwar l-appoġġ għal servizzi bażiċi, rikonċiljazzjoni (bħala sitwazzjoni ta' wara l-kriżi), u l-ħolqien ta' impjiegi (biex tiskoraġġixxi t-tentazzjoni ta' żgħażaġh biex jingħaqdu ma' gruppi armati).

22. Il-Kummissjoni temmen li saret analiżi adegwata matul il-Workshop ta' Frar 2014.

Barra minn hekk dan il-workshop bena fuq analiżi konġuta tal-kunflitt bejn l-UE u n-NU organizzata ftit jiem qabel.

Barra minn hekk, l-istrateġija nazzjonali Programme d'Urgence et de Relevement Durable (PURD), adottata f'Lulju 2014, li tkopri l-attivitajiet tad-donaturi kollha għall-perjodu 2014–2016 tistabbilixxi valutazzjoni ċara tal-ħtiġijiet.

F'Lulju 2014, b'rabta mal-PURD, ġiet elaborata matriċi tal-ħtiġijiet (settur/tema), bi prijorizzazzjoni ċara (fuq terminu qasir/medju/fit-tul), u ppreżentat azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati li jaqgħu f'LRRD u stabbiliet diviżjoni tax-xogħol bejn l-istrumenti tal-UE u donaturi oħrajn.

B'kunsiderazzjoni tal-limitu qasir ta' żmien tal-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Bekou, iddettat mis-sitwazzjoni ta' kriżi fil-CAR, analiżi bir-reqqa kien ikollha bżonn aktar ħin u riżorsi. Tali analiżi twettqet aktar tard f'koordinazzjoni man-NU, il-BD u l-Gvern tal-CAR u wasslet għall-formulazzjoni ta' pjan ta' rilanċ nazzjonali u tal-bini tal-paċi bejn l-2017 u l-2021.

23. Ir-reżiljenza mhijiex suġġett ġdid fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Ir-reżiljenza ġiet definita u vvalutata bis-sħiħ mill-KE (ara COM(2012)586 dwar ir-reżiljenza) biex tiġi indirizzata l-lakuna u r-rabta bejn l-azzjoni umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Din il-Komunikazzjoni tibni fuq l-esperjenza mnedija mill-Kummissjoni fis-Sahel bl-inizjattiva tagħha "AGIR" u fil-Qarn tal-Afrika bil-pjan tagħha "SHARE".

24. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti.

25. Hija prattika tajba tal-LRRD li xi proġetti umanitarji li preċedement kienu ffinanzjati mill-Kummissjoni għaddew f'idejn il-BTF. Dan huwa l-każ pereżempju għal proġetti tas-saħħa. Il-loġika prevalenti f'dan il-każ hija li meta jkun hemm titjib fil-kuntest b'xi żoni tal-pajjiż li jkunu qed

joħorġu minn sitwazzjoni ta' kriżi akuta u jersqu lejn l-istabbiltà, dak ikun il-mument addattat biex l-għajnuna umanitarja toħroġ minn dawn iż-żoni biex tikkonċentra fuq żoni aktar urġenti/instabbli, fejn il-ħtiġijiet li jissalvaw il-ħajjiet huma aktar akuti. F'dawn il-każijiet il-fatt li l-BTF ħa f'idejh dawn l-inizjattivi jippermetti l-kontinwità tas-servizzi b'opportunità li jintervjeni b'mod aktar strutturat, b'involvement akbar ta' ministeri rilevanti.

Kaxxa 2 — Eżempji ta' proġetti tal-fond fiduċjarju Bêkou li jindirizzaw ħtiġijiet simili għal proġetti ffinanzjati wkoll minn għajnuna tal-UE

(c) Il-BTF għandu d-dover li jadatta u jaġġusta l-interventi tiegħu għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni volatili u li jaħdem fuq il-koordinazzjoni ma' donaturi oħrajn. Dan huwa preċiżament dak li ġara biż-żewġ eżempji li ġejjin: proġetti previsti permezz ta' strumenti oħrajn (baġit għas-sigurtà tal-ikel u l-FEŻ għall-Ecofaune) ma setgħux jitnedew bil-karatteristiċi inizjali tagħhom. Ġew ittrasferiti għall-BTF sabiex jiġu implimentati b'komponenti/objettivi aġġustati sabiex jissodisfaw bl-aħjar mod l-aġenda ta' reżiljenza.

F'dak li għandu x'jaqşam mar-raġuni tal-eżistenza tal-EUTF, il-fondi ma kinux miġbura jew trasferiti lin-NU (FAO), iżda kkuntrattati direttament mas-sħab ta' implimentazzjoni, u l-UE kienet f'pożizzjoni li tissorvelja l-attivitajiet. Barra minn hekk, fejn l-FAO ħarġet bħala l-uniku sieħeb, il-BTF innexxielu jinnegozja biss 5 % tat-tariffi amministrattivi minflok 7 %.

(d) Fir-rigward tal-ECOFAUNE + huwa ħafna aktar minn sempliċi kontinwazzjoni tal-ECOFAUNE-RCA li ġie mniedi fl-2012. L-eks proġett tal-ECOFAUNE kien prinċipalment ibbażat fuq l-attivitajiet transumanzi, filwaqt li l-ECOFAUNE+ il-ġdid ikopri i) l-iżvilupp tat-territorju ("aménagement du territoire") b'rabta mal-proċess ta' deċentralizzazzjoni u ii) l-opportunitajiet tal-għajxien (taħriġ vokazzjonali u mikroproġetti). Barra minn hekk, il-kuntest mhux biss inbidel drastikament wara l-2012, iżda l-modalità tal-implimentazzjoni kellha tinbidel minn Devis Programme (DP) għal allokazżjoni.

26. Il-koordinazzjoni tad-donaturi hija r-responsabbiltà tal-gvern; fil-każ tal-CAR, sa issa ma kien hemm l-ebda qafas ta' koordinazzjoni minħabba sitwazzjoni prevalenti ta' kriżi jew ta' wara l-kriżi.

Il-Valutazzjoni dwar l-Irkupru u l-Bini tal-Paċi (imsemmija RCPCA), li bdiet f'nofs l-2016, u approvata mill-Gvern tal-CAR, issa wasslet għall-ħolqien ta' Segretarjat inkarigat mill-koordinazzjoni tad-donaturi kollha involuti fil-CAR u mis-segwitu tal-Konferenza. Il-BTF għandu parti attiva f'tali segwitu, l-aktar reċenti matul il-missjoni tiegħu fuq il-post fil-CAR mis-16 sat-23 ta' Mejju 2017.

27. Il-BTF se jiffoka prinċipalment fuq il-pilastru 2 ("kuntratt soċjali bejn l-istat u l-popolazzjoni") permezz tas-saħħa u s-sigurtà alimentari/l-iżvilupp rurali u l-pilastru 3 (ħolqien tal-impjiegi) biex tiġi żgurata sostenibbiltà aħjar. Il-Gvern tal-CAR għandu jkun fil-pożizzjoni prinċipali sa fejn għandu x'jaqşam id-diviżjoni tax-xogħol; madankollu, il-Gvern il-ġdid li ħareġ mill-elezzjonijiet ta' Marzu 2016 bil-mod il-mod qed jistabbilixxi strutturi xierqa li għandhom biżżejjed kapaċità biex iwettqu dan il-kompitu, iżda dan qed jieħu l-ħin. L-eżistenza stess tal-pjan nazzjonali ta' rkupru u ta' bini tal-paċi hija l-aktar bażi importanti għall-allinjament tad-donaturi mal-prijoritajiet tal-CAR. Dawn qed jiġu segwiti mill-UE permezz tal-istrumenti ta' implimentazzjoni kollha tagħha, inkluż il-BTF.

29. Il-Kummissjoni tikkonferma li l-ħolqien ta' fond fiduċjarju f'sitwazzjoni ta' wara l-kriżi jista' jipprovdi opportunità eċċellenti għal donaturi li jkunx jixtiequ jgħinu, jaġixxu, b'mod anqas frammentat u aktar koordinat. Il-prerekwiżit għal dan huwa li d-donaturi kollha preżenti fil-pajjiż (u speċjalment fl-Istati Membri tal-UE) jaċċettaw li jużaw il-fond fiduċjarju bħala l-uniku strument (jew għall-inqas dak maġġuri) għat-twassil tal-għajnuna tagħhom.

30. L-objettiv prinċipali tal-Fond Fiduċjarju, kif iddikjarat fir-Regolament Finanzjarju huwa stabbilit minn ftehim kostituttiv u jaqra kif ġej: "li jipprova għajnuna konsistenti, mmirata għar-reżiljenza ta' gruppi vulnerabbli u l-appoġġ għall-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi u r-rikostruzzjoni, li jikkoordina l-azzjonijiet fuq terminu ta' żmien qasir, medju u fit-tul u biex jgħin lill-pajjiżi ġirien ilaħħqu mal-konsegwenzi tal-kriżi".

Il-koordinazzjoni bejn id-donaturi hija inerenti għall-istruttura governattiva tal-EUTF u parti mill-objettiv tal-EUTF biex inaqqas il-frammentazzjoni tal-għajnuna. Dan l-objettiv jintlaħaq mill-eżistenza nnifisha tal-EUTF li jagħti lid-donaturi l-oħra l-possibbiltà li jgħaddu l-fondi tagħhom permezz tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax timponi fuq donaturi oħra l-użu effettiv ta' din il-possibbiltà jew le.

31. Il-Kummissjoni ħolqot il-mezzi għall-SM jew kwalunkwe donatur li jippuljaw il-fondi tagħhom, u b'hekk jiffavorixxu l-koordinazzjoni fuq il-post. Madankollu hija ma tinsabx f'pożizzjoni li timpedixxi lill-Istati Membri jew li xi donaturi oħra milli jniedu, iżommu jew jiddeċiedu dwar l-attivitajiet tagħhom fil-CAR.

Kaxxa 4 — Xi donaturi żiedu l-attività tagħhom barra l-fond mill-2014

Il-PIN jiffoka fuq żewġ setturi li mhumiex koperti mill-BTF (appoġġ tal-baġit u governanza). Madankollu, settur 3, reżiljenza rurali u ħolqien tal-impjiegi, se jiġi implimentat permezz tal-BTF speċifikament għal skopijiet ta' koerenza u biex jibbenefika minn esperjenza mibnija fuq il-bażi tal-proġetti kontinwi tal-BTF fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel.

S'issa l-Bank Dinji għadu ma ħoloqx it-TF tiegħu stess. Dak li hemm ippjanat, probabbilment se jiffoka fuq l-infrastruttura, mhux koperta mill-BTF.

32. Il-BTF għandu l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u governanza tiegħu stess imsejjes fuq il-ftehim kostituttiv tiegħu. Għalhekk, ġie deċiż li din il-governanza ma tiġix distorta billi l-qafas ikkoordinat ta' teħid ta' deċiżjonijiet ikun obbligatorju għall-BTF.

33. Waqt il-laqgħat tal-Kumitat Operattiv, jintalab aġġornament mill-parteciċipanti kollha dwar proġetti potenzjali ġodda sabiex jiffaċilitaw koordinazzjoni tajba bejn il-membri tal-Fond Fiduċjarju. Din l-opportunità għal koordinazzjoni msaħħa iżda mhux minn dejjem ġiet sfruttata.

Kaxxa 5 — Tliet eżempji ta' prassi tajba ta' koordinazzjoni tad-donaturi ta' proġetti

Fi Frar 2016, il-BTF organizza workshop dwar is-Saħħa immirat sabiex jislet minn lezzjonijiet mill-Fażi I u fit-tfassil tal-Fażi 2. Il-workshop issejjaħ mill-BTF u l-Ministeru tas-Saħħa, bil-parteciċipazzjoni tad-donaturi u l-imsieħba l-oħra kollha tal-implimentazzjoni.

Dan it-tip ta' koordinazzjoni ad hoc qabel l-adozzjoni tal-proġetti kollha hija l-modus operandi tal-BTF.

35. Il-konsultazzjonijiet huma kontinwi dwar l-aħjar mod biex jiġi żgurat rwol aktar wiesa' tal-BTF għall-gvern tal-CAR.

36. Fil-fatt, l-istrument kien imfassal b'mod speċjali biex jorganizza l-għajnuna b'mod aktar mgħaġġel u barra minn hekk kien jitħalla juża proċeduri ta' għażla flessibbli. Dawn il-proċeduri flessibbli tal-għażla huma l-istess bħal daww applikati fi strumenti oħra tal-UE taħt sitwazzjoni ta' kriżi. Għalhekk, il-veloċità hi mistennija li tkun simili f'kull wieħed minnhom.

37. L-unika proċedura li ġiet ifformalizzata bħala tali la fil-PRAG u lanqas fil-linji gwida dwar l-istrumenti tal-UE hija s-Sejħa għal espressjoni ta' interess (CEI) speċifika għall-BTF. Madankollu, din il-proċedura tirriżulta direttament mil-linji gwida interni tal-Kummissjoni dwar kriżijiet, li tistieden Awtorità Kontraenti biex tikkunsidra l-għażliet kollha disponibbli sabiex "jiżdied" il-livell ta' kompetizzjoni — meta mqabbla ma' għotja diretta/proċeduri nnegożjati. Pereżempju, awtorità

Kontraenti hija mħeġġa biex tistieden aktar minn kandidat wieħed għal proċedura nnegojzjata jew għotja diretta.

38. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li meta wieħed iqabbel il-vantaġġi/żvantaġġi tat-tliet proċeduri, għandu jiġi kkunsidrat li dawn it-tliet proċeduri huma għażla tal-proċeduri magħrufa li huma effettivi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Għalhekk, il-vantaġġi/żvantaġġi rispettivi tagħhom għandhom jittqiesu wkoll meta mqabbla mal-proċeduri l-oħra tad-DEVCO li, kif rikonoxxut mil-linji gwida dwar il-kriżi, ma jipprovdux biżżejjed flessibbiltà biex jiġu implimentati azzjonijiet speċifiċi f'sitwazzjoni ta' kriżi jew każijiet ta' instabbiltà strutturali fit-tul.

39. Il-proċeduri huma jew proċeduri standard li jistgħu jinstabu fi-PRAG jew, għas-CEI speċifika għall-BTF, proċedura misluta mil-linji gwida ta' kriżi (li tikkonsisti fi proċedura ta' għoti dirett preċeduta minn konsultazzjoni ikbar, bil-għan li żżid it-trasparenza u l-kompetizzjoni).

Għas-CEI speċifika għall-BTF, tiġi żgurata t-trasparenza permezz ta' nota ta' spjegazzjoni li tiċċara l-passi differenti għall-għażla.

Ladarba l-proċedura tal-għażla hija determinata u tintgħażel il-modalità tal-organizzazzjoni(jiet) implimentattivi (jiġifieri jew definita fil-PRAG/Companion, jew definita fid-dokument ta' proċedura nnifsu), il-Kummissjoni tqis lilha nnfisha konformi mar-rekwiżit ta' trasparenza FR, fejn fl-istess ħin użat id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità tal-ftehim Kostituttiv.

40. Il-Kummissjoni temmen li l-ġustifikazzjonijiet kienu jeżistu iżda ma ġewx formalizzati.

41. Dan hu każ wieħed li jirrigwarda Genre I li jeħtieġ li jingħata kuntest.

Fl-2014, id-Delegazzjoni tal-UE identifikat żewġ NGOs bħala l-unika NGOs internazzjonali li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-CAR — b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul. It-tnejn ġew avvċinati f'tentattivi li jinġiebu flimkien biex jaħdmu f'konsorzju. Matul in-negozjar waħda mill-NGOs irtirat mid-diskussjonijiet għaliex qieset li l-azzjoni ta' EUR 1,5 miljun kienet limitat wisq għal konsorzju.

Fl-2016, NGOs internazzjonali ġodda ġew involuti fil-CAR. Għet organizzata CEI għal GENRE II biex tikkunsidra l-parteċipazzjoni possibbli ta' sħab ġodda u biex tkopri l-komponent il-ġdid "volet politique" li ma kienx jeżisti f'GENRE I.

42. Il-Kummissjoni temmen li huwa evidenti kif ġew magħżula l-organizzazzjonijiet implimentattivi.

Kif imsemmi skont il-paragrafu 38, ħlief għal numru limitat ta' kuntratti ta' servizz, il-BTF uża tliet metodi differenti biex jagħżel l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti. Il-mod li bih jintgħażlu l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni huwa jew definit fir-regoli PRAG/regoli interni oħra tal-Kummissjoni jew fid-dokument ta' proċedura nnifsu — ara l-paragrafu 37).

Għalhekk il-Kummissjoni irrispettat ir-rekwiżit ta' trasparenza FR, fejn fl-istess ħin użat id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità tal-ftehim Kostituttiv.

43. Id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità ippermettew li jiġi ffrankat il-ħin meta mqabbel ma' approċċi aktar tradizzjonali. Il-ħeffa tal-proċeduri tal-għażla f'Bêkou jistgħu ikunu simili biss għal mekkaniżmi ta' twassil ta' għajnuna oħra tal-UE taħt sitwazzjoni ta' kriżi peress li dawn ikunu ġejjin mill-istess regoli. Biex ikunu aktar veloċi, il-Fondi Fiduċjarji tal-UE għandhom jitħallew jimplimentaw proċeduri ta' kriżijiet bl-aktar manjiera simplifikata filwaqt li jinżamm bilanċ bejn il-ħeffa u t-trasparenza.

44. Il-Kummissjoni temmen li n-numru ta' jiem diskussi ma hix prova li d-diskussjonijiet setgħu kienu iqsar. Pereżempju, il-503 jum jirreferu għall-Irkupru Ekonomiku li huwa l-aktar proġett innovattiv u kumpless tal-BTF kif ukoll dak li l-anqas li għandu bżonn eżekuzzjoni rapida.

It-tennija rrapurtata tad-diskussjonijiet trid titqiegħed fil-perspettiva. Fl-istadji bikrin tal-BTF, ir-rotazzjoni tal-persunal kienet relattivament għolja. B'riżultat ta' dan, xi kwistjonijiet setgħu ġew trattati f'aktar minn okkażjoni waħda.

45. Kienet mistennija r-retroattività fi proġetti tas-saħħa, miftiehma mal-imsieħba implimentattivi u inkwadrata. Inżammet sabiex tippermetti diskussjonijiet ewlenin li huma bbażati fuq ir-riżultati minflok dawk li huma bbażata fuq il-ħin. Ir-riżultati skont il-paragrafi 78–79 jidhru li jivvalidaw din id-deċiżjoni.

L-għażla tar-retroattività trid tiġi mqabbla ma' alternattivi oħra disponibbli, jiġifieri l-ebda azzjoni ta' xejn. Il-Kummissjoni qieset li kien aħjar li tiġi evitata l-lakuna f'attivitajiet li jirrikorru għar-retroattività aktar milli tiġi interrotta l-azzjoni.

L-istess japplika għall-aħħar każ ta' retroattività, li għalih kienet antiċipata r-retroattività bi qbil mal-imsieħba implimentattivi u debitament inkwadrata.

46. Il-Kummissjoni tikkonferma li dan il-perċentwal huwa baxx meta mqabbla mat-tariffi tal-ġestjoni ta' organizzazzjonijiet/strumenti oħra. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi ppreservat bħala l-minimu meħtieġ biex jiġu żgurati l-kompiti u l-obbligi TF, speċjalment għall-fatt li t-TF hu aktar minn sempliċi ġestjoni tal-proġett.

47. Din hija wkoll Prattika standard fl-operazzjonijiet tan-NU TF, fejn l-ispejjeż tal-persunal u dawk uffiċjali huma spejjeż diretti li ġejjin minbarra t-tariffi għall-immaniġġjar ta' 7-8 %.

L-ispejjeż imġarrba huma rreġistrati fil-kontijiet annwali tal-BTF. Dawn il-kontijiet annwali huma ppreparati skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) u mmeritaw opinjoni ta' awditjar estern bla kwalifiki mill-ħolqien tal-fond fiduċjarju.

Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, li fuqhom huma bbażati l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, qegħdin fil-proċess li jiġu implimentati.

48. Il-ġestjoni diretta għandha tinvolvi wkoll spiża peress li l-kompiti għandhom jiġu ġestiti mill-persunal tat-TF li jirrikjedi riżorsi suffiċjenti. Il-baġit tal-ispejjeż tal-persunal tat-TF jiddependi fuq żewġ fatturi ewlenin: 1) il-kontribuzzjonijiet totali u 2) il-perċentwal ta' ħlasijiet amministrattivi. Dan il-perċentwal ġie stabbilit fil-ftehim Kostitutiv għal 5 % għall-kontribuzzjonijiet kollha meta jitqies id-daqs żgħir tat-TF ta' Bekou u t-trasferiment possibbli tiegħu għall-CAR (l-ispiża tal-persunal fid-delegazzjonijiet huwa oġġett mill-ħin li huwa fi Brussell).

Fir-rigward tal-ispejjeż ta' kooperazzjoni ddelegata, dan il-kumment mhuwiex speċifiku għall-BTF iżda kumment ġenerali applikabbli għall-modalitajiet tal-ġestjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Rigward it-tabella 1 imsemmija fil-paragrafu 48, jekk jogħġbok ara l-kummenti tagħna taħt il-paragrafu 38.

49. Sabiex jiġi kkalkolat jekk trasferiment sħiħ ta' persunal fil-CAR jistax jinkiseb, l-elementi li ġejjin huma meħtieġa:

- 1) Mument meta s-sitwazzjoni tas-sigurtà tippermetti dan it-trasferiment;
- 2) Il-livell ta' kontribuzzjonijiet f'dik id-data sabiex jiġi kkalkulat l-ammont disponibbli ta' tariffi tal-immaniġġjar;
- 3) Il-perċentwali ta' tariffi tal-immaniġġjar permessi mill-kontribuzzjonijiet (limitu massimu amministrattiv li għad irid jiġi miftiehem mad-DĠ BUDG).

Din il-kwistjoni ser tiġi riveduta ladarba mill-anqas l-ewwel element ikun ġie riżolt.

51. Il-Kummissjoni tqis li l-BTF introduċa mekkaniżmi ta' monitoraġġ fil-livell tal-proġetti. Id-DEVCO diġà qabel mal-IAS biex jistabbilixxu l-qafas ta' prestazzjoni ewlieni għat-TFs filwaqt wiehded iżomm f'moħħu li dan huwa proċess gradwali. Id-DEVCO se jevalwa dan l-aspett importanti ladarba tkun inkisbet aktar esperjenza.

52. Mill-awditu sal-lum, id-DĠ DEVCO nieda żewġ inizjattivi ġodda:

- it-twaqqif ta' kumitat ta' tmexxija EUTF ippresedut mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ DEVCO li jinvolvi Diretturi u kull TF maniġer biex jindirizza materji ta' interess komuni u jikkondividi lezzjonijiet meħuda f'kull aspett (governanza, proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet...) Dan il-kumitat ta' tmexxija EUTF diġà ltaqa' darbtejn sa mill-ħolqien tiegħu f'Marzu 2017;

- ir-rendikont tal-esperjenza akkumulata s'issa u r-reviżjoni tal-linji gwida u l-mudelli DEVCO.

Barra minn hekk fl-2015 bdew laqgħat regolari ta' timijiet inkarigati minn kwistjonijiet ta' finanzi u ta' kuntrattar fid-diversi TFs. Dawn kienu interrotti matul l-2016 bit-tluq mill-persunal tal-finanzi fit-TFs l-oħra. Dawn il-laqgħat komplew fi April 2017.

53. Ma ġiet stabbilita l-ebda mira għall-indikaturi fejn ma kienet teżisti l-ebda linja bażi jew l-ebda waħda affidabbli. Madankollu, dan ma waqqafx lill-BTF milli jaċċetta rakkomandazzjonijiet fit-fassil ta' proġetti bħal Santé II u meta jinnegozja kuntratti individwali.

55. Din il-quċċata fil-finanzjament li ntlaħqet fis-sena 2014 għandha tkun attribwita għall-finanzjament umanitarju. Il-finanzjament tal-iżvilupp kien modest meta mqabbel mal-2014.

56. Id-dokument RCPCA jenfasizza żewġ settijiet ta' orizzonti, sa tliet snin u sa ħames snin, bi ħtiġijiet finanzjarji korrispondenti ta' USD 1.6 biljun u USD 3.2 biljun rispettivament. Il-konferenza ta' Brussell wegħdet madwar USD 2.3 biljun għalhekk altru milli se jkopri l-ewwel 3 snin tal-ħtiġijiet tal-RCPCA.

58. 'L-akkomunament tar-riżorsi' hija waħda mill-benefiċċji li jġibu TFs, inkluż għall-fondi tal-UE minn sorsi differenti.

59. Il-Kummissjoni temmen li l-kontribuzzjoni Ġermaniża fil-CAR hi ġdida u addizzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-kontribuzzjoni Franċiża żdiedet ukoll kemm ġewwa kif ukoll barra mill-BTF.

61. Fil-ħidma preliminari fuq it-TFs futuri huwa previst li dawn mħumiex maħsuba biex iwaqqfu d-donaturi milli jappoġġjaw l-azzjoni lil hinn mill-EUTF.

65. Is-sekwenzjar tal-attivitajiet fl-istess programm huwa wkoll karatteristika speċifika tal-BTF. Dan jippermetti l-indirizzar b'ritmu differenti ta' diversi kwistjonijiet marbuta fl-istess settur/qasam.

Fir-rigward tas-Saħħa, il-BTF u d-Delegazzjoni tal-UE f'Bangui involvew ruħhom fi djalogu fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa dwar is-sistema tal-akkwist tal-mediċina u mhux is-sistema kollha tas-saħħa. Id-diskussjonijiet huma kontinwi imma f'dan l-istadju ma kienx hemm ftehim fuq l-ebda soluzzjoni.

Kaxxa 7 — Il-Fond Fiduċjarju Bêkou organizza diversi avvenimenti

Dan it-tip ta' workshop jipprovdi l-opportunità biex it-tip ta' attivitajiet LRRD jiġu kkoordinati aħjar.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

72. Il-Kummissjoni, flimkien mal-imsieħba prinċipali impenjati, evalwat il-valur miżjud tal-Fond Fiduċjarju u r-rilevanza ta' reżiljenza/tal-approċċ tal-LRRD lejn il-CAR.

Waqt li kienet qed twettaq l-analiżi meħtieġa qabel il-ħolqien tal-BTF, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti bidu għal valutazzjoni/proċess twil li kien jixħet dubju dwar il-ħila tal-UE bħala attur kredibbli, affidabbli u effiċjenti fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Fil-fatt, il-Kummissjoni segwiet u rrispettat id-dispożizzjonijiet tal-qafas legali tagħha stess, jiġifieri l-FR.

Rakkomandazzjoni 1 — Tiġi żviluppata aktar gwida għall-għażla tal-vettura tal-għajnuna, u għal analiżi tal-ħtiġijiet biex jiġu definiti l-ambiti tal-intervent tal-fondi fiduċjarji

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li se tiġi implimentata kif ġej:

Il-Kummissjoni żviluppat il-linji gwida tal-fond fiduċjarju li jinkludu taqsima dwar il-kondizzjonijiet biex jiġi stabbilit fond fiduċjarju.

Il-Kummissjoni hija lesta li tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida sabiex jinkludu deskrizzjoni aktar dettaljata tal-kriterji stabbiliti fl-FR biex jevalwaw il-kundizzjonijiet li jistabbilixxu fondi fiduċjarji tal-UE.

F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' EUTF se tindirizza l-kwistjoni ta' vantaġġi komparattivi ta' vetturi oħra ta' għajnuna.

Il-Kummissjoni tqis li l-linji gwida ma jistgħux ikunu wisq preskrittivi partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-fondi fiduċjarji ta' emerġenza.

73. Il-BTF stabbilixxa eżerċizzji ta' koordinazzjoni ad hoc li jassoċjaw il-partijiet interessati kollha rilevanti, skont is-settur (saħħa, sigurtà tal-ikel, eċċ.). Madankollu, id-deċiżjoni ta' kull donatur li jżomm programmi bilaterali hija parti mill-għażla sovrana tiegħu.

74. Il-Kummissjoni għandha fehma differenti.

Il-proċeduri huma jew proċeduri standard li jistgħu jinstabu fil-PRAG jew, għas-CEI li ġet applikata l-BTF, proċedura msejsa fuq il-linji gwida ta' kriżi (proċedura ta' għoti dirett preċeduta minn konsultazzjoni akbar b'mod preċiż biex iżżid it-trasparenza u l-kompetizzjoni).

Għas-CEI bl-applikazzjoni tal-BTF, tiġi żgurata t-trasparenza permezz ta' nota ta' spjegazzjoni għal kull proġett li jiċċara l-passi differenti għall-għażla.

Wara li tiddefinixxi l-proċedura tal-għażla wżata u, fejn ma tkunx definita fil-PRAG/Companion, fid-dokument ta' proċedura nnifsu dwar kif jintgħażlu l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tqis li hi tikkonforma mar-rekwiżit ta' trasparenza FR, filwaqt li tagħmel użu fl-istess ħin tad-dispożizzjonijiet ta' flessibilità tal-ftehim Kostitutiv.

Fir-rigward tal-veloċità, il-Kummissjoni tqis li n-numru ta' jiem diskussi ma hix prova li d-diskussjonijiet setgħu kienu iqsar (ara l-paragrafu 44).

75. L-istima tal-ispejjeż kompleti li tinkludi fost l-oħrajn, l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-organizzazzjonijiet implimentattivi mhux tal-UE, mhijiex Prattika standard ta' donaturi ewlenin bħan-NU jew il-Bank Dinji. Tali spejjeż smati kompleti mhumieks komparabbli mal-ispejjeż ta' strumenti oħra u donaturi oħra (jiġifieri tan-NU jew il-BD), u jkunu inkonsistenti mal-ispejjeż ikkunsidrati fil-kontijiet annwali tal-Fond Fiduċjarju, li jsegwi l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku (ara t-tweġiba għall-paragrafu 37).

76. Għalkemm il-qafas ta' prestazzjoni ġenerali għall-BTF ma jeżistix, il-maġġoranza tal-proġetti taw ir-riżultati mistennija tagħhom kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom (ara l-paragrafu 78).

Barra minn hekk, minflok jinħoloq qafas tal-prestazzjoni speċifiku għall-BTF, il-Kummissjoni tippreferi tistrieħ fuq il-qafas ta' prestazzjoni standard tad-DEVCO.

Rakkomandazzjoni 2 — Titjib tal-koordinazzjoni tad-donaturi, tal-proċeduri tal-għażla u tal-kejl tal-prestazzjoni, u t-titjib tal-ispejjeż amministrattivi

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, iżda tenfasizza li atturi oħra għandhom rwol fis-segwitu ta' dan.

Dwar l-ewwel punt, il-BTF diġà jikkoordina l-attivitajiet tiegħu ma' donaturi u atturi rilevanti oħra. Madankollu, il-Kummissjoni taqbel li l-koordinazzjoni tista' tkun formalizzata aħjar u li l-opportunitajiet ta' koordinazzjoni għandhom jiġu sfruttati mill-parteciċipanti kollha tal-BTF.

Dwar it-tieni punt, il-Kummissjoni tapplika r-regoli u l-proċeduri standard tagħha kif ukoll ir-regoli interni li jippermettu lill-manigġers tal-EUTF għal deroga minn dawn ir-regoli standard f'ċerti kundizzjonijiet (linji gwida interni dwar il-kriżi u l-linji gwida tal-EUTF). Pereżempju l-linji gwida dwar is-sitwazzjonijiet ta' kriżi jirrikonossu r-restrizzjonijiet u l-limiti biex jiġu kkuntrattati u implimentati proġetti f'sitwazzjoni ta' kriżi, li jippermetti l-użu ta' "proċeduri flessibbli" meta sitwazzjoni ta' kriżi tkun ġiet iddikjarata fil-pajjiż.

Dwar it-tielet punt, il-Kummissjoni taqbel li hi se tesplora modi biex iżżid il-ħeffa tal-proċeduri tal-għażla lil hinn minn dak li jippermettu bħalissa r-regoli interni filwaqt li jinstab bilanċ tajjeb bejn il-ħeffa u t-trasparenza.

Wara rakkomandazzjoni simili maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tagħha, il-Kummissjoni diġà fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza din ir-rakkomandazzjoni u bħalissa qed timplimenta azzjonijiet maħsuba.

Meta wieħed iqis il-limiti minħabba raġunijiet ta' sigurtà u l-lezzjonijiet meħuda minn sitwazzjonijiet ta' kriżi riflessi fil-linji gwida tal-kriżijiet, il-Kummissjoni tqis li l-BTF diġà jimmassimizza l-ammont ta' għajjuna li jmur għand il-benefiċjarji finali. Kull meta jkun possibbli, il-BTF diġà qed jistinka biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni kif kien il-każ diġà għall-kuntratt FAO fejn ġew innegożjati t-tariffi ta' ġestjoni ta' 5 % minflok ta' 7 %.

Il-Kummissjoni tqis li l-BTF introduċa mekkaniżmi ta' monitoraġġ fil-livell tal-proġett u wera l-vantaġġi f'termini ta' veloċità notevoli, u gradwalment dawn se taġġornahom sal-livell ta' fond.

Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, li huwa l-ewwel fond fiduċjarju mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea, tnieda fl-2014, biex jipprovdi għajnuna lil wieħed mill-pajjiżi l-anqas żviluppati fid-dinja. Aħna eżaminajna jekk l-istabbiliment tal-fond kienx iġġustifikat, kif ukoll kif kien ġie mmaniġġjat u jekk kienx laħaq l-oġġettivi tiegħu sa żmien l-awditu. Minkejja xi nuqqasijiet, aħna nikkonkludu li d-deċiżjoni li jitwaqqaf il-fond kienet adatta fiċ-ċirkustanzi. Il-ġestjoni tal-fond għadha ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha fi tliet aspetti: il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati, it-trasparenza, il-veloċità u l-kosteffettività tal-proċeduri, u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Iżda, b'mod ġenerali, il-fond kien kiseb riżultati pożittivi sa żmien l-awditu. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għandhom jgħinu biex isir titjib fit-tfassil u l-ġestjoni ta' dan il-fond u ta' fondi fiduċjarji oħra tal-UE.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

© L-Unjoni Ewropea, 2017.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.